43. L-EDPB ifakkar li kull miżura legalment vinkolanti adottata minn awtorità superviżorja għandha tagħti r-raġunijiet għall-miżura⁴⁸. Id-determinazzjoni dwar jekk hemmx ksur ta' dan ir-Regolament, jew jekk azzjoni prevista fir-rigward tal-kontrollur jew il-proċessur tikkonformax ma' dan ir-Regolament, tiddependi fuq l-identifikazzjoni korretta tar-rwoli tal-partijiet li għandhom ikunu s-suġġett tal-miżura. Għalhekk, abbozz ta' deċiżjoni għandu jkun fih elementi legali u fattwali suffiċjenti biex isostni d-deċiżjoni proposta⁴⁹. Bħala riżultat, l-EDPB jikkunsidra li l-oġġezzjoni mqajma mill-NL SA tikkonċerna kemm "jekk hemmx ksur tal-GDPR" kif ukoll "jekk l-azzjoni prevista tikkonformax mal-GDPR jew le".
44. Filwaqt li l-EDPB jikkunsidra li l-oġġezzjoni tal-NL SA hija għalhekk rilevanti u tinkludi argumenti legali li jsostnu l-pożizzjoni tagħha, ma jressaqx argumenti kif konsegwenzi bħal dawn jistgħu joħolqu riskji sinifikanti għad-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġetti tad-*data* u/jew il-fluss ħieles ta' *data*⁵⁰. L-EDPB ifakkar li l-obbligu li turi b'mod ċar is-sinifikat tar-riskju maħluqa mill-abbozz ta' deċiżjoni - stabbilit mill-GDPR - huwa tas-CSA⁵¹. Filwaqt li l-possibbiltà għas-CSAs li jipprovdu tali dimostrazzjoni tista' tiddependi wkoll fuq il-grad ta' dettall tal-abbozz tad-deċiżjoni nnifisha u fuq l-iskambji preċedenti ta' informazzjoni⁵², ċirkostanza bħal din, fejn applikabbli, ma tistax teħles kompletament lis-CSA mill-obbligu li tispjega b'mod ċar għaliex tikkunsidra li l-abbozz tad-deċiżjoni, jekk jitħalla mhux mibdul, jirriżulta f'riskji sinifikanti għad-drittijiet u l-libertajiet ta' individwi.
45. L-EDPB isib li l-oġġezzjoni mqajma mill-NL SA ma turix b'mod ċar ir-riskji għad-drittijiet u l-libertajiet ta' individwi. Fuq din il-bażi, l-EDPB jikkunsidra li l-oġġezzjoni mqajma mill-NL SA ma tissodisfax ir-rekwiżiti tal-Artikolu 4(24) tal-GDPR.

b) Valutazzjoni tal-oġġezzjoni mqajma mill-ES SA

46. L-oġġezzjoni mqajma mill-ES SA tikkontesta wkoll is-suffiċjenza tal-valutazzjoni jew ir-raġunament fir-rigward tal-konklużjonijiet meħuda mill-IE SA dwar il-kwalifika legali ta' TIC u Twitter, Inc.

⁴⁶ Il-proċedura skont l-Artikolu 65(1)(b) tal-GDPR hija applikabbli f'dan il-każ u tista' titnieda fi kwalunkwe stadju, Linji Gwida dwar l-RRO, paragrafu 31.

⁴⁷ Linji Gwida dwar l-RRO, paragrafu 29. Oġġezzjoni rilevanti u raġunata dwar jekk hemmx ksur tal-GDPR tista' tikkonċerna "*informazzjoni fattwali insuffiċjenti jew deskrizzjoni tal-każ involut*", "*nuqqas ta' qbil dwar il-konklużjonijiet li għandhom jittieħdu mis-sejbiet tal-investigazzjoni*" (Linji Gwida dwar l-RRO, paragrafu 27) jew irreferi għal "*nuqqas jew insuffiċjenza ta' valutazzjoni jew raġunament (bil-konsegwenza li l-konklużjoni fl-abbozz tad-deċiżjoni mhix sostnuta b'mod adegwat mill-valutazzjoni mwettqa u l-evidenza ppreżentata, kif meħtieġ fl-Artikolu 58 tal-GDPR)*" (Linji Gwida dwar RRO, paragrafu 29).

⁴⁸ Premessa (129) tal-GDPR.

⁴⁹ Tali informazzjoni hija wkoll meħtieġa biex tiġi żgurata l-effettività tal-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni u konsistenza, sabiex jippermetti lis-CSAs jieħdu deċiżjoni infurmata dwar jekk jaqblux jew jesprimux oġġezzjoni rilevanti u raġunata jew le.

⁵⁰ Linji Gwida dwar l-RRO, paragrafu 19.

⁵¹ Linji gwida dwar l-RRO, paragrafi 36 u l-Artikolu 4(24) tal-GDPR.

⁵² Linji Gwida dwar l-RRO, paragrafu 36.

rispettivamente. L-oġġezzjoni tagħmilha ċara wkoll li l-kwalifika korretta ta' TIC u Twitter, Inc. hija kruċjali għad-determinazzjoni tar-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom, kif ukoll għall-kompetenza tal-IE SA. Bħala riżultat, l-EDPB jikkunsidra wkoll li l-oġġezzjoni mqajma mill-ES SA tikkonċerna kemm "jekk hemmx ksur tal-GDPR" kif ukoll "jekk l-azzjoni prevista tikkonformax mal-GDPR jew le". L-oġġezzjoni tal-ES SA tistabbilixxi wkoll għaliex tikkunsidra li bidla fl-Abbozz tad-Deċiżjoni hija meħtieġa u kif il-bidla twassal għal konklużjoni differenti.

47. Filwaqt li l-EDPB jikkunsidra li l-oġġezzjoni tal-ES SA hija għalhekk rilevanti u tinkludi argumenti legali li jsostnu l-pożizzjoni tagħha, ma tartikulax b'mod ċar għaliex id-deċiżjoni, jekk titħalla l-istess f'dan ir-rigward, tkun ta' riskju sinifikanti għad-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġetti tad-*data* u, fejn applikabbli, il-fluss ħieles ta' *data* personali. Fuq din il-bażi, l-EDPB jikkunsidra li l-oġġezzjoni mqajma mill-ES SA ma tissodisfax ir-rekwiżiti mfassla fl-Artikolu 4(24) tal-GDPR.

c) Valutazzjoni tal-oġġezzjoni mqajma mill-DE SA

48. Filwaqt li l-oġġezzjonijiet espressi min-NL u l-ES SA primarjament għandhom x'jaqsmu ma' "nuqqas ta' raġunament" li jiġġustifika l-konklużjoni li TIC jaġixxi bħala l-kontrollur (uniku), id-DE SA ma taqbilx dwar il-konklużjonijiet li għandhom jittieħdu mis-sejbiet tal-investigazzjoni⁵³. B'mod partikolari, id-DE SA tikkunsidra li l-elementi fattwali inklużi fil-fajl huma biżżejjed biex jiġġustifikaw il-konklużjoni li Twitter, Inc. ma tikkwalifikax bħala proċessur, iżda pjuttost bħala kontrollur konġunt, flimkien ma' TIC.
49. Fl-oġġezzjoni tagħha, id-DE SA tistabbilixxi wkoll għaliex il-kwalifika tal-partijiet hija rilevanti għad-determinazzjoni ta' "jekk hemmx ksur". B'mod partikolari, id-DE SA targumenta li l-valutazzjoni legali tar-relazzjoni bejn Twitter, Inc. u TIC taffettwa d-determinazzjoni tal-mument li ssir konxja tal-Ksur. Skont id-DE SA, l-għarfien għandu jkun attribwit ugwalment għaż-żewġ kontrolluri (konġunti) fid-dawl tal-Artikolu 26(1) tal-GDPR. Meta tqis dan, id-DE SA targumenta li d-*data* rilevanti meta TIC bħala kontrollur konġunt kiseb għarfien (jew aħjar kellha tikseb għarfien) teħtieġ li tiġi kkunsidrata mill-ġdid mill-IE SA.
50. L-EDPB jikkunsidra li l-oġġezzjoni mqajma mid-DE SE tistabbilixxi b'mod ċar għaliex it-tibdil tal-Abbozz tad-Deċiżjoni huwa meqjus neċessarju u kif l-oġġezzjoni, jekk tiġi segwita, twassal għal konklużjoni differenti. Madankollu, l-EDPB ma jsibx li l-oġġezzjoni mqajma mid-DE SA tinkludi dikjarazzjoni ċara rigward ir-riskji maħluqa mill-Abbozz tad-Deċiżjoni fir-rigward tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tas-suġġetti tad-*data* fir-rigward tal-kwalifika tal-partijiet. Fuq din il-bażi, l-EDPB jikkunsidra li l-oġġezzjoni mqajma mill-DE SA ma tissodisfax ir-rekwiżiti mfassla fl-Artikolu 4(24) tal-GDPR.

d) Valutazzjoni tal-oġġezzjoni mqajma mill-FR SA

51. Essenzjalment l-FR SA tikkunsidra wkoll li l-Abbozz tad-Deċiżjoni jbati minn "nuqqas jew insuffiċjenza ta' valutazzjoni jew raġunament", fis-sens li ma jindikax b'mod ċar li elementi oħra għajr id-dikjarazzjonijiet ta' TIC stess ġew ikkunsidrati mill-IE SA biex tikkunsidra li TIC eżerċitat setgħa deċiżjonali fuq l-ipproċessar. Simili għall-NL SA u l-ES SA, l-FR SA tenfasizza wkoll l-importanza li d-deċiżjoni tal-LSA tkun raġunata biżżejjed. Differenti mill-NL SA u l-ES SA, madankollu, l-FR SA tiffoka fl-oġġezzjoni tagħha primarjament fuq l-importanza li tinkludi tali raġunament fl-istabbiliment tal-kompetenza ta' awtorità tal-LSA, b'mod partikolari bil-ħsieb li tipprevjeni l-forum shopping.
52. L-EDPB ifakkar li nuqqas ta' qbil dwar il-kompetenza tal-awtorità superviżorja li taġixxi bħala LSA biex toħroġ deċiżjoni speċifika għall-każ m'għandhiex titqajjem permezz ta' oġġezzjoni skont l-Artikolu 60(4)

⁵³ Linji Gwida dwar l-RRO, paragrafu 27.

tal-GDPR u taqa' barra mill-ambitu tal-Artikolu 4(24) tal-GDPR⁵⁴. L-EDPB jikkunsidra li l-oġġezzjoni mqajma mill-FR SA ma tippreżentax argumenti suffiċjenti biex turi biċ-ċar is-sinifikat tar-riskju għad-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġetti tad-*data* maħluqa mill-Abbozz tad-Deċiżjoni. Bħala riżultat, l-EDPB jikkunsidra li l-oġġezzjoni mqajma mill-FR SA ma tammontax għal oġġezzjoni rilevanti u raġunata fit-tifsira tal-Artikolu 4(24) tal-GDPR.

4.4.2 Konklużjoni

53. L-EDPB jikkunsidra li l-oġġezzjonijiet imsemmija jissodisfaw bosta mill-kriterji tal-Artikolu 4(24) tal-GDPR. B'differenza għall-konklużjoni magħmula mill-IE SA, l-EDPB jikkunsidra li kull waħda minn dawk l-oġġezzjonijiet issodisfat il-kundizzjoni li tirreferi alternattivament għal jekk hemmx ksur ta' dan ir-Regolament, jew jekk l-azzjoni prevista fir-rigward tal-kontrollur jew il-proċessur tikkonformax ma' dan ir-Regolament. Barra minn hekk, l-EDPB jikkunsidra li oġġezzjoni bbażata fuq ir-rwol, jew id-deżinjazzjoni, tal-partijiet tista' fil-prinċipju taqa' fi ħdan it-tifsira tad-definizzjoni ta' oġġezzjoni 'rilevanti u raġunata' taħt l-Artikolu 4(24) tal-GDPR.
54. Madankollu, kif intqal hawn fuq, l-oġġezzjonijiet imsemmija hawn fuq ma jissodisfawx il-limitu li jipprovdu dimostrazzjoni ċara dwar is-sinifikat tar-riskji maħluqa mill-Abbozz tad-Deċiżjoni fir-rigward tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tas-suġġetti tad-*data* u, fejn applikabbli, il-fluss ħieles ta' *data* personali fi ħdan l-Unjoni Ewropea.
55. Barra minn hekk, fir-rigward tal-oġġezzjoni msemmija hawn fuq imqajma mill-FR SA, minbarra li ma tressaqx argumenti suffiċjenti biex juru biċ-ċar is-sinifikat tar-riskju għad-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġetti tad-*data* maħluqa mill-Abbozz ta' Deċiżjoni, l-oġġezzjoni tikkonċerna nuqqas ta' qbil dwar il-kompetenza tal-awtorità superviżorja li taġixxi bħala LSA. L-EDPB ifakkar li tali nuqqas ta' qbil m'għandux jitqajjem permezz ta' oġġezzjoni skont l-Artikolu 60(4) tal-GDPR u jaqa' barra mill-ambitu tal-Artikolu 4(24) tal-GDPR⁵⁵.
56. Bħala riżultat, l-EDPB jikkunsidra li l-oġġezzjonijiet imsemmija hawn fuq ma jissodisfawx ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 4(24) tal-GDPR.
57. Bħala konsegwenza, **l-EDPB ma jieħu l-ebda pożizzjoni dwar il-mertu ta' kwalunkwe kwistjoni sostanzjali mqajma minn dawn l-oġġezzjonijiet. L-EDPB itenni li d-deċiżjoni kurrenti tiegħu hija mingħajr ebda preġudizzju għal kwalunkwe valutazzjoni li l-EDPB jista' jintalab jagħmel f'każijiet oħra, inkluż bl-istess partijiet, waqt li jqis il-kontenut tal-abbozz ta' deċiżjoni rilevanti u l-oġġezzjonijiet imqajma mis-CSAs.**

5 DWAR IL-KSUR TAL-GDPR IDENTIFIKAT MIL-LSA;

5.1 Dwar is-sejbiet ta' ksur tal-Artikolu 33(1) tal-GDPR

5.1.1 Analiżi mil-LSA fl-Abbozz tad-Deċiżjoni

58. L-IE SA kkonkludiet li TIC ma ssodisfatx l-obbligi tagħha bħala kontrollur taħt l-Artikolu 33(1) tal-GDPR, li "*ma tistax titqies b'mod iżolat u trid tinftiehem fil-kuntest tal-obbligi usa' fuq il-kontrolluri taħt il-*

⁵⁴ Linji Gwida dwar l-RRO, paragrafu 31. Il-Linji Gwida jkomplu jiddikjaraw li għall-kuntrarju tal-oġġezzjoni skont l-Artikolu 60(4) tal-GDPR, il-proċedura skont l-Artikolu 65(1)(b) tal-GDPR hija applikabbli fi kwalunkwe stadju.

⁵⁵ Linji Gwida dwar l-RRO, paragrafu 31.

GDPR, b'mod partikolari, l-obbligu ta' responsabbiltà taħt l-Artikolu 5(2), ir-relazzjoni bejn il-kontrolluri u l-proċessuri (l-Artikolu 28), u l-obbligu biex timplimenta miżuri tekniċi u organizzattivi xierqa (u effettivi)”⁵⁶.

59. Fir-rigward tal-mument li fih il-kontrollur sar jaf bil-Ksur, l-Abbozz tad-Deċiżjoni kkonkluda li f'każ li l-Ksur jiġi sofrut mill-proċessur, il-kontrollur isir konxju meta jiġi notifikat bil-Ksur mill-proċessur⁵⁷, iżda l-kontrollur għandu jiżgura li għandu biżżejjed miżuri fis-seħħ biex jiffaċilita dan l-għarfien⁵⁸. Minħabba li TIC bħala kontrollur kienet responsabbli biex tissorvelja l-operazzjonijiet ta' pproċessar imwettqa mill-proċessur tagħha Twitter, Inc.⁵⁹, l-Abbozz tad-Deċiżjoni ddikjara li fejn il-proċessur ma jsegwix il-proċedura jew il-proċedura tfalli inkella l-kontrollur ma jistax jiskuża n-notifika mdewma tiegħu stess fuq il-bażi tat-tort tal-proċessur⁶⁰, billi t-twettiq minn kontrollur tal-obbligu tiegħu li jinnotifika ma jistax ikun kontinġenti dwar il-konformità mill-proċessur tiegħu mal-obbligi tiegħu skont l-Artikolu 33(2) tal-GDPR⁶¹. L-IE SA sabet li f'dawn iċ-ċirkostanzi l-kontrollur għandu jitqies li għandu għarfien kostruttiv tal-Ksur personali permezz tal-proċessur tiegħu⁶², u li tali interpretazzjoni tirrifletti r-responsabbiltà u l-kontabbiltà tal-kontrollur fil-GDPR⁶³.
60. Skont l-Abbozz tad-Deċiżjoni, għalhekk, TIC saret taf fil-fatt dwar il-Ksur fis-7 ta' Jannar 2019⁶⁴ iżda kellu jkun magħmul konxju dwar il-Ksur sa mhux aktar tard mit-3 ta' Jannar 2019, peress li f'dik id-data Twitter, Inc. bħala proċessur l-ewwel evalwat l-inċident bħala ksur potenzjali tad-*data* u t-tim legali ta' Twitter, Inc. ta struzzjonijiet biex jinfetaħ l-aċcident⁶⁵. L-Abbozz tad-Deċiżjoni ddikjara wkoll li anke fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' din is-sitwazzjoni (fejn kien hemm ukoll dewmien aktar kmieni⁶⁶, kwalunkwe arranġament fis-seħħ ma' Twitter, Inc. kellu jippermetti dan⁶⁷. Minflok, minħabba l-"ineffettività tal-

⁵⁶ Abbozz tad-Deċiżjoni, paragrafu 6.20. Ara wkoll l-Abbozz tad-Deċiżjoni, paragrafi 6.5, 6.7 u 6.13. L-Abbozz tad-Deċiżjoni (paragrafu 7.129 (i)) jiddikjara wkoll li ir-*“rekwiżit taħt l-Artikolu 33(1) [...] huwa bbażat fuq il-kontrollur li jiżgura li għandu sistemi u proċeduri interni (u fejn applikabbli, sistemi u proċeduri stabbiliti ma' kwalunkwe partijiet esterni inklużi proċessuri) li huma konfigurati, u segwiti, sabiex tiffaċilita għarfien fil-pront, u notifika f'waqtha, ta' ksur”*.

⁵⁷ Abbozz tad-Deċiżjoni, paragrafu 7.129 (iii).

⁵⁸ Abbozz tad-Deċiżjoni, paragrafu 7.98.

⁵⁹ Abbozz tad-Deċiżjoni, paragrafu 7.129 (iv).

⁶⁰ Abbozz tad-Deċiżjoni, paragrafu 7.129 (iv).

⁶¹ Abbozz tad-Deċiżjoni, paragrafu 7.129 (x).

⁶² Abbozz tad-Deċiżjoni, paragrafu 7.129 (v).

⁶³ Abbozz tad-Deċiżjoni, paragrafu 7.98. Skont l-Abbozz tad-Deċiżjoni, interpretazzjoni alternattiva li twassal biex tikkunsidra li kontrollur huwa "konxju" biss meta jkun infurmat mill-proċessur tiegħu, tħalli lakuna sinifikanti fil-protezzjoni pprovduta mill-GDPR, peress li tista' tirriżulta fil-kontrollur li jevita r-responsabbiltajiet anke f'każ ta' dewmien kbir jekk wera li ssodisfa l-obbligi tiegħu fl-għażla ta' proċessur u li jkollu sistemi xierqa f'posthom, iżda sistemi bħal dawn ġew injorati mill-proċessur (Abbozz tad-Deċiżjoni, paragrafu 7.99). L-IE SA spjegat ukoll fl-Abbozz tad-Deċiżjoni li "l-applikazzjoni alternattiva tal-Artikolu 33(1), u dik li ġiet issuġġerita minn TIC, li biha t-twettiq minn kontrollur tal-obbligu tiegħu li jinnotifika huwa, essenzjalment, kontinġenti fuq il-konformità tal-proċessur tiegħu għall-obbligi tiegħu taħt l-Artikolu 33(2), idgħajef l-effettività tal-obbligi tal-Artikolu 33 fuq kontrollur [u li] tali approċċ ikun imur kontra l-iskop ġenerali tal-GDPR u l-intenzjoni tal-leġislatur tal-Unjonilaur tal-UE".

⁶⁴ Abbozz tad-Deċiżjoni, paragrafu 7.129 (vi).

⁶⁵ Abbozz tad-Deċiżjoni, paragrafu 7.129 (vi).

⁶⁶ FI-identifikazzjoni tat-3 ta' Jannar 2019 bħala d-data li fiha TIC kellha tkun taf bil-ksur, l-IE SA qieset ukoll li kien inħoloq dewmien aktar kmieni matul il-perjodu minn meta l-inċident ġie nnotifikat għall-ewwel darba mill-Kuntrattur Estern (Kuntrattur 2) lil Twitter, Inc. fid-29 ta' Diċembru 2018 sa meta Twitter, Inc. bdiet ir-reviżjoni tagħha tal-istess, fit-2 ta' Jannar 2019. TIC ikkonfermat, matul l-inkjesta, li dan kien *“minħabba l-iskeda tal-vaganzi tax-xitwa”*.

⁶⁷ Abbozz tad-Deċiżjoni, paragrafu 7.129 (ix).

proċess" fiċ-"ċirkostanzi partikolari" tal-każ in kwistjoni u/jew "falliment mill-istaff [tal-proċessur] li jsegwi l-proċess ta' ġestjoni tal-aċċidenti tiegħu" kien hemm dewmien li wassal biex il-kontrollur ikun notifikat biss fis-7 ta' Jannar 2019⁶⁸. Dan wassal għall-ksur tal-Artikolu 33(1) tal-GDPR anke jekk għaddew inqas minn 72 siegħa bejn il-mument li fih TIC saret taf bil-Ksur (7 ta' Jannar 2019) u n-notifika (8 ta' Jannar 2019).

5.1.2 Taqsira tal-oġġezzjonijiet imqajma mis-CSAs

61. L-FR SA qajmet oġġezzjoni li ddikjarat li s-sejbiet ma jikkorrispondux għal ksur tal-Artikolu 33(1) tal-GDPR, iżda pjuttost tal-Artikolu 28 jew l-Artikolu 32 tal-GDPR, li jistabilixxu l-obbligi tal-kontrollur meta jiddeċiedi li jirrikorri għal proċessur. Dan l-argument jiddependi fuq il-fatt li s-sejba tal-ksur tal-Artikolu 33(1) hija prinċipalment ibbażata fuq il-fallimenti fl-applikazzjoni tal-proċedura stabbilita bejn TIC u l-proċessur tagħha f'każ ta' ksur tad-*data*, filwaqt li l-Artikolu 33(1) tal-GDPR jirreferi biss għall-obbligu tal-kontrollur li jinnotifika ksur tad-*data* lill-awtorità kompetenti.
62. L-oġġezzjonijiet tad-DE SA, minflok, iffokaw fuq ir-raġunament li wassal għall-konklużjoni li l-Artikolu 33(1) tal-GDPR ġie miksur, mingħajr ma kkontestat tali konklużjoni per se, u rreferiet aktar speċifikament għad-determinazzjoni tad-*dies a quo* tal-iskadenza ta' 72 siegħa.
63. Id-DE SA argumentat fl-oġġezzjoni tagħha li l-kwistjoni tal-allokazzjoni tar-rwoli taffettwa d-determinazzjoni tal-mument ta' għarfien tal-Ksur, billi l-għarfien ta' ksur għandu jkun ugwalment attribwit liż-żewġ kontrolluri konġunti. Skont id-DE SA, dan jista' jwassal biex is-26 ta' Diċembru 2018 jiġi kkunsidrat bħala d-*data* meta TIC bħala kontrollur konġunt kisbet għarfien/messha kellha għarfien tal-Ksur.

5.1.3 Pożizzjoni tal-LSA dwar l-oġġezzjonijiet

64. Fir-rigward tal-oġġezzjoni mqajma mill-FR SA, l-IE SA tikkunsidra li titlob kunsiderazzjoni ta' dispożizzjonijiet alternattivi tal-GDPR u li t-talba mis-CSAs biex jikkunsidraw dispożizzjonijiet alternattivi tal-GDPR, essenzjalment tfittex li terġa' tapplika l-Inkjesta mwettqa⁶⁹: l-IE SA kkonkludiet li oġġezzjoni bħal din ma taqax fid-definizzjoni ta' "oġġezzjoni rilevanti u raġonata" għall-finijiet tal-Artikolu 4(24) tal-GDPR⁷⁰. L-IE SA enfasizzat ukoll il-fehma tagħha li seħħ ksur tal-Artikolu 33(1) tal-GDPR u ma pproponietx li tikkunsidra ksur ta' kwalunkwe dispożizzjoni oħra tal-GDPR bħala alternattiva għall-Artikolu 33(1)⁷¹, u enfasizzat li l-espansjoni tal-firxa tal-ksur għal obbligi oħra tal-GDPR fuq talba tas-CSAs tkun qed "*tipperikola t-totalità tal-proċess tal-Inkjesta u l-Artikolu 60 billi jesponih għar-riskju ta' pretensjonijiet ta' inġustizzja proċedurali*"⁷². L-IE SA rrimarkat ukoll li qed teżamina l-konformità ta' TIC mal-obbligi usa' tagħha taħt il-GDPR fil-kuntest ta' inkjesta oħra li għaddejja⁷³.
65. Dwar l-oġġezzjoni mqajma mid-DE SA, b'rigward speċifiku għad-determinazzjoni tal-mument ta' għarfien tal-ksur, l-IE SA ssottomettiet li anki jekk relazzjoni ta' kontroll konġunt kienet teżisti (opinjoni

⁶⁸ Abbozz tad-Deċiżjoni, paragrafu 7.129 (vi).

⁶⁹ Memorandum Kompost, paragrafu 5.45.

⁷⁰ Memorandum Kompost, paragrafu 5.45.

⁷¹ Memorandum Kompost, paragrafu 5.47.

⁷² Memorandum Kompost, paragrafu 5.44(c).

⁷³ Memorandum Kompost, paragrafu 5.44(d).

li, kif deskritt hawn fuq fit-Taqsima 4.3, l-IE SA ma kinitx taqsam) ma jfissirx neċessarjament li l-għarfien dwar il-Ksur jista' jkun attribwit ugwalment liż-żewġ kontrolluri kongunti⁷⁴.

5.1.4 Analiżi tal-EDPB

5.1.4.1 Valutazzjoni ta' jekk l-oġġezzjonijiet kinux rilevanti u raġunati

66. Kif imfakkar hawn fuq (ara t-Taqsima 4.4.1), huwa meħtieġ li jiġi vvalutat jekk l-oġġezzjonijiet imqajma mis-CSAs jissodisfawx il-limitu stabbilit mill-Artikolu 4(24) tal-GDPR.
67. Għalkemm l-oġġezzjoni tal-**FR SA** hija rilevanti, billi tispjega nuqqas ta' qbil dwar jekk seħħx ksur partikolari tal-GDPR fil-każ speċifiku, u jinkludi argumenti legali li jappoġġjaw l-oġġezzjoni, jonqos milli jissodisfa l-istandard tal-Artikolu 4(24) tal-GDPR minħabba li ma jinkludix ġustifikazzjonijiet dwar il-konsegwenzi tal-ħruġ ta' deċiżjoni mingħajr il-bidliet proposti fl-oġġezzjoni, u kif konsegwenzi bħal dawn jistgħu joħolqu riskji sinifikanti għad-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġetti tad-*data*⁷⁵. Għalhekk, l-oġġezzjoni ma jstax jingħad li "turi b'mod ċar" is-sinifikat tar-riskji maħluqa mill-ħruġ tal-Abbozz tad-Deċiżjoni (li kieku kellha tinħareġ bħala finali) peress li ma tipprovdix biżżejjed argumenti għaliex dawn id-drittijiet u l-libertajiet ta' suġġetti tad-*data* b'kunsiderazzjoni speċifika għas-sejba ta' ksur tal-Artikolu 33(1) (minflok l-Artikolu 32 / 28) tal-GDPR huma sostanzjali u plawsibbli⁷⁶. Għalhekk, l-EDPB jikkonkludi li l-oġġezzjoni tal-**FR SA** mhix rilevanti u rraġunata minħabba n-nuqqas ta' dimostrazzjoni ċara tar-riskji kif speċifikament meħtieġ mill-Artikolu 4(24) tal-GDPR.
68. Barra minn hekk, fir-rigward tal-oġġezzjoni tad-DE SA speċifikament fir-rigward tad-determinazzjoni tad-*dies a quo* għall-ksur tal-Artikolu 33(1) tal-GDPR bħala skont il-kwalifika tal-partijiet, l-EDPB jixtieq ifakkar l-analiżi mwettqa hawn fuq fit-Taqsima 4.4 u jsib li l-oġġezzjoni ma turix l-implikazzjonijiet li l-Abbozz tad-Deċiżjoni bil-kontenut attwali tagħha - speċifikament dwar ir-raġunament sottostanti għas-sejba ta' Ksur tal-Artikolu 33(1) tal-GDPR - ikollha għall-valuri protetti⁷⁷ (drittijiet u libertajiet ta' suġġetti tad-*data* jew, fejn applikabbli, fluss ħieles ta' *data* personali).

5.1.4.2 Konklużjoni

69. L-EDPB jikkunsidra li l-oġġezzjonijiet imsemmija qabel issodisfaw il-kondizzjoni li jirreferu alternattivament dwar jekk hemmx ksur ta' dan ir-Regolament, jew jekk l-azzjoni prevista fir-rigward tal-kontrollur jew il-proċessur tikkonformax ma' dan ir-Regolament, iżda ma jurux b'mod ċar is-sinifikat tar-riskji maħluqa mill-Abbozz tad-Deċiżjoni fir-rigward tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tas-suġġetti tad-*data* u, fejn applikabbli, il-fluss ħieles ta' *data* personali fl-Unjoni Ewropea.
70. Għalhekk, l-oġġezzjonijiet tal-**FR** u **DE SA** ma jissodisfawx ir-rekwiżiti fl-Artikolu 4(24) tal-GDPR⁷⁸.

5.2 Dwar is-sejbiet ta' ksur tal-Artikolu 33(5) tal-GDPR

⁷⁴ Memorandum Kompost, paragrafu 5.34 (li jirreferi wkoll għas - sentenza tal-QĠUE fi *Wirtschaftsakademie*, C-210/16, paragrafu 43).

⁷⁵ Linji Gwida dwar l-RRO, paragrafu 19.

⁷⁶ Linji gwida dwar l-RRO, paragrafu 37.

⁷⁷ Linji gwida dwar l-RRO, paragrafu 37.

⁷⁸ Bħala konsegwenza, l-EDPB ma jieħu l-ebda pożizzjoni dwar il-mertu ta' kwalunkwe kwistjoni sostanzjali mqajma minn dawn l-oġġezzjonijiet. L-EDPB itenni li d-deċiżjoni kurrenti tiegħu hija mingħajr ebda preġudizzju għal kwalunkwe valutazzjoni li l-EDPB jista' jintalab jagħmel f'każijiet oħra, inkluż bl-istess partijiet, waqt li jqis il-kontenut tal-abbozz ta' deċiżjoni rilevanti u l-oġġezzjonijiet imqajma mis-CSAs.

5.2.1 *Analiżi mil-LSA fl-Abbozz tad-Deċiżjoni*

71. Fl-Abbozz tad-Deċiżjoni, l-IE SA sabet li TIC ma kkonformatx mal-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 33(5) tal-GDPR biex tiddokumenta l-Ksur, peress li d-dokumentazzjoni mogħtija minn TIC matul l-inkjesta ma kinitx ikkunsidrata li fiha biżżejjed informazzjoni u ma kinitx meqjusa li fiha rekord jew dokument ta', speċifikament, "ksur ta' *data* personali", peress li ammontaw għal "dokumentazzjoni ta' natura aktar ġeneralizzata"⁷⁹.
72. Fuq nota differenti, l-IE SA rrikonoxxiet li TIC ikkooperat bis-sħiħ matul l-inkjesta (għalkemm dan ma kienx ikkunsidrat bħala fattur mitiganti)⁸⁰.

5.2.2 *Taqisira tal-oġġezzjonijiet imqajma mis-CSAs*

73. L-EDPB jieħu l-opportunità biex jenfasizza, għal raġunijiet ta' ċarezza, li l-ebda waħda mill-oġġezzjonijiet imqajma ma kkontestat il-konklużjoni li TIC kisret l-Artikolu 33(5) tal-GDPR.
74. Madankollu, l-IT SA qajmet oġġezzjoni billi argumentat li s-sejba relatata mal-ksur tal-Artikolu 33(5) tal-GDPR ma tidhirx konsistenti mar-raġunament u l-elaborazzjonijiet imressqa mil-LSA minħabba li l-inadegwatezza tad-dokumentazzjoni li għet prodotta matul investigazzjoni estensiva bħal din, kif ibbażat fuq interazzjonijiet multipli bejn l-LSA u l-kontrollur, allegatament tindika l-kooperazzjoni ħażina tal-kontrollur mad-DPA. Skont l-IT SA, is-sejba fl-Abbozz tad-Deċiżjoni li TIC ipprova kooperazzjoni sħiħa matul il-fażi investigattiva għandha tiġi riveduta billi kooperazzjoni sħiħa bħal din tista' titqies li teżisti biss jekk dokumentazzjoni adegwata u eżawrjenti ssir disponibbli mill-kontrollur b'mod sempliċi.

5.2.3 *Pożizzjoni tal-LSA dwar l-oġġezzjonijiet*

75. L-IE SA hija tal-fehma li l-obbligu taħt l-Artikolu 33(5) tal-GDPR japplika indipendentement mill-obbligu taħt l-Artikolu 31 tal-GDPR li jikkoopera mal-awtorità superviżorja u ta' kif TIC għebet ruħha lejha, u għamlet interazzjoni ma', l-LSA fiż-żmien li din tal-aħħar bdiet l-attivitajiet regolatorji tagħha rigward il-Ksur ta' TIC⁸¹. L-IE SA argumentat in-nuqqasijiet dwar kif TIC iddokumentat l-Ksur mhux neċessarjament jikkorrelataw ma' nuqqas ta' kooperazzjoni min-naħa ta' TIC⁸². Barra minn hekk, l-IE SA enfasizzat li TIC ikkooperat mal-IE SA matul l-inkjesta billi rrispondiet għat-talbiet kollha għall-informazzjoni u billi pprovdiet id-dokumenti kollha mitluba, mingħajr ma ppruvat tfixx jew tostakola l-inkjesta bl-ebda mod⁸³. Fi kwalunkwe każ, l-IE SA ma kkinsidratx il-kooperazzjoni ta' TIC bħala fattur mitiganti⁸⁴. Għar-raġunijiet imsemmija hawn fuq, l-IE SA qieset li kien "dubjuż" jekk l-oġġezzjoni mqajma mill-IT SA hije motivata u rilevanti, billi filwaqt li tirrigwarda ksur tal-GDPR ma turix kif lil-pożizzjoni tal-IE SA dwar il-grad ta' kooperazzjoni ta' TIC tirriżulta f'riskji maħluqa mill-abbozz tad-deċiżjoni rigward id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tas-suġġetti tad-*data*⁸⁵. L-IE SA kkonkludiet li ma kinitx se ssegwi din l-oġġezzjoni⁸⁶.

⁷⁹ Abbozz tad-Deċiżjoni, paragrafu 10.46.

⁸⁰ Abbozz tad-Deċiżjoni, paragrafu 14.50.

⁸¹ Memorandum Kompost, paragrafu 5.87.

⁸² Memorandum Kompost, paragrafu 5.87.

⁸³ Memorandum Kompost, paragrafu 5.87.

⁸⁴ Memorandum Kompost, paragrafu 5.87.

⁸⁵ Memorandum Kompost, paragrafu 5.88.

⁸⁶ Memorandum Kompost, paragrafu 5.88.

5.2.4 Analiżi tal-EDPB

5.2.4.1 Valutazzjoni ta' jekk l-oġġezzjonijiet kinux rilevanti u raġunati

76. L-IT SA fl-oġġezzjoni tagħha ma tikkontestax li seħħ ksur tal-Artikolu 33(5) tal-GDPR. Oġġezzjoni rilevanti u raġunata tista' tiddubita r-raġunament sottostanti għall-konklużjonijiet milfuqa mill-LSA fl-abbozz tad-deċiżjoni biss sakemm tali raġunament għandu rabta ma' tali konklużjonijiet, l-oġġezzjoni hija raġunata b'mod adegwat. F'dan il-każ, l-oġġezzjoni ma targumentax b'mod ċar kif is-segwitu tagħha jista' jinvolvi bidla fl-Abbozz tad-Deċiżjoni. Barra minn hekk, l-oġġezzjoni ma tissodisfax il-kriterji deskritti fl-Artikolu 4(24) tal-GDPR minħabba li tonqos milli turi b'mod ċar is-sinifikat tar-riskji maħluqa mill-Abbozz tad-Deċiżjoni peress li ma turix l-implikazzjonijiet li l-allegat żball fl-Abbozz tad-Deċiżjoni jkollu għall-valuri protetti.

5.2.4.2 Konklużjoni

77. Peress li l-oġġezzjoni tal-IT SA ma tissodisfax ir-rekwiżiti tal-Artikolu 4(24) tal-GDPR, il-Bord ma jhux pożizzjoni dwar il-mertu tal-kwistjonijiet sostanzjali mqajma minn din l-oġġezzjoni. L-EDPB itenni li d-deċiżjoni kurrenti tiegħu hija mingħajr ebda preġudizzju għal kwalunkwe valutazzjoni li l-EDPB jista' jintalab jagħmel f'każijiet oħra, inkluż bl-istess partijiet, waqt li jqis il-kontenut tal-abbozz ta' deċiżjoni rilevanti u l-oġġezzjonijiet imqajma mis-CSAs.

6 DWAR KSUR POTENZJALI ULTERJURI (JEW ALTERNATTIV) TAL-GDPR IDENTIFIKAT MIS-CSAS

6.1 Analiżi mil-LSA fl-Abbozz tad-Deċiżjoni

78. Ibbażat fuq l-informazzjoni pprovduta minn TIC meta nnotifikat il-Ksur lill-IE SA, l-IE SA ndunat li mill-formola tan-notifika tal-ksur deher li kien għadda perjodu ta' aktar minn 72 siegħa minn meta TIC (bħala kontrollur) saret taf bil-Ksur⁸⁷. Għal din ir-raġuni, l-IE SA ddeċidiet li tibda, fuq ir-rieda tagħha stess, inkjesta biex teżamina jekk TIC kinitx konformi mal-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 33(1) u l-Artikolu 33(5) tal-GDPR⁸⁸.
79. Sabiex tiddetermina jekk TIC tikkonformax mal-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 33(1) tal-GDPR, l-IE SA qisithom fil-kuntest ta' obbligi usa' ta' kontrollur, inklużi dawk ta' responsabbiltà (Artikolu 5(2) tal-GDPR), ta' ingaġġ ta' proċessur (Artikolu 28 tal-GDPR), u fir-rigward tas-sigurtà tal-ipproċessar ta' *data* personali (Artikolu 32 tal-GDPR)⁸⁹. Madankollu, jekk l-IE SA kkunsidrat il-fatturi u l-kwistjonijiet fattwali li wasslu għad-dewmien ta' TIC biex issir konxja tal-Ksur mill-proċessur tagħha u fl-aħħar biex jinnotifika l-Ksur, l-IE SA ma kkunsidratx jekk TIC ikkonformatx ma' xi wieħed jew kull wieħed minn dawn l-obbligi għajr għall-iskop tal-valutazzjoni tal-konformità ta' TIC mal-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 33(1) u l-Artikolu 33(5) tal-GDPR⁹⁰.

⁸⁷ Abbozz tad-Deċiżjoni, paragrafu 2.11.

⁸⁸ Abbozz tad-Deċiżjoni, paragrafu 2.11.

⁸⁹ Abbozz tad-Deċiżjoni, paragrafi 6.13-6.20, 7.111-7.112, 7.122-7.124.

⁹⁰ Abbozz tad-Deċiżjoni, paragrafi 6.13, 7.111, 7.122-7.124.

6.2 Taqsira tal-oġġezzjonijiet imqajma mis-CSAs

80. Id-DE, FR, HU, u IT SAs qajmu oġġezzjonijiet li TIC kisret dispożizzjonijiet oħra tal-GDPR minbarra, jew minflok, l-Artikolu 33(1) u l-Artikolu 33(5) tal-GDPR.

6.2.1 Ksur tal-Artikolu 5(1)(f) tal-GDPR fuq il-prinċipju tal-integrità u l-kunfidenzjalità

81. Id-DE SA qajmet oġġezzjoni li ddikjarat li l-"bug sottostanti" fl-applikazzjoni ta' TIC li rriżulta fil-Ksur notifikat lill-IE SA kellu jkun ikkunsidrat mill-IE SA fl-Abbozz tad-Deċiżjoni tiegħu, sabiex jiġi ddeterminat jekk dan il-bug fil-fatt kienx jikkostitwixxi vjolazzjoni sinifikanti tal-kunfidenzjalità ta' *data* personali, u li fl-aħħar mill-aħħar kiser l-Artikolu 5(1)(f) tal-GDPR, flimkien mal-Artikolu 33(1) u l-Artikolu 33(5) tal-GDPR.
82. L-HU SA qajmet oġġezzjoni li ddikjarat li minħabba l-"bug" fl-applikazzjoni ta' TIC matul is-snin u n-natura serja tagħha li taffettwa s-sigurtà tad-*data*, l-IE SA għandha tinvestiga jekk TIC kisritx ukoll l-Artikolu 5(1)(f) tal-GDPR fuq il-prinċipju ta' integrità u kunfidenzjalità.

6.2.2 Ksur tal-Artikolu 5 2) tal-GDPR fuq il-prinċipju tar-responsabbiltà

83. L-IT SA qajmet oġġezzjoni li ddikjarat li l-ksur tal-Artikolu 33(1) tal-GDPR jenfasizza ksur ferm iktar gravi tal-prinċipju tar-responsabbiltà (skont l-Artikolu 5(2) tal-GDPR), peress li n-nuqqas ta' politiki korporattivi biex jimmaniġġjaw aċċidenti ta' sigurtà jew in-nuqqas ta' konformità magħhom juri li l-miżuri implimentati mill-kontrollur mhumiex adegwati biex jiżguraw konformità u biex jiddokumentawha. L-IT SA argumentat li dawn in-nuqqasijiet proċedurali huma enfasizzati mill-Abbozz tad-Deċiżjoni, iżda l-Abbozz tad-Deċiżjoni jonqos milli jagħmel dan is-suġġett ta' analiżi speċifika. Minħabba li dan jista' jaffettwa l-immaniġġjar ta' ksur tad-*data* fil-ġejjieni, ukoll, is-sejbiet dwar jekk TIC ikkonformatx mal-Artikolu 5(2) tal-GDPR għandhom ukoll ikunu parti mid-deċiżjoni finali tal-IE SA skont l-IT SA. L-IT SA qieset ukoll li l-ksur tal-Artikolu 5(2) tal-GDPR huwa kkonfermat mill-inkapaċità tal-kontrollur li jiddikjara n-numru eżatt u n-natura tad-*data* personali affettwata, jew in-numru totali ta' suġġetti tad-*data* involuti.

6.2.3 Ksur tal-Artikolu 24 tal-GDPR fuq ir-responsabbiltà tal-kontrollur

84. Id-DE SA qajmet oġġezzjoni li ddikjarat li l-Abbozz tad-Deċiżjoni mhuwiex ċar dwar għaliex l-IE SA ma vvalutatx jekk il-ksur sinifikanti tal-kunfidenzjalità ta' *data* personali kkawżat minn "bug sottostanti" huwiex minħabba ksur tar-rekwiżiti tal-Artikolu 24 tal-GDPR.

6.2.4 Ksur tal-Artikolu 28 tal-GDPR fuq ir-relazzjoni mal-proċessuri

85. L-FR SA esprimiet oġġezzjoni li tiddikjara li TIC ma rrispettatx l-obbligu tal-kontrollur li jivverifika l-validità tal-proċeduri stabbiliti mill-proċessur tiegħu. Għalhekk, l-FR SA tikkunsidra li m'hemm l-ebda ksur tal-Artikolu 33(1) tal-GDPR, iżda tal-Artikolu 28 tal-GDPR minflok (jew tal-Artikolu 32 tal-GDPR - ara t-Taqsima 6.2.5 hawn taħt). L-FR SA argumentat li jekk il-proċessur ta' TIC hija l-impriża omm tagħha, "kien iktar faċli għal TIC li tivverifika l-validità tal-proċeduri stabbiliti mill-impriża omm u li titlob korrezzjoni jekk meħtieġa".
86. L-IT SA esprimiet oġġezzjoni li ddikjarat li n-nuqqas ta' TIC li tinvolvi lid-DPO Globali fit-Tim ta' Sejbien u Rispons tal-proċessur (Twitter, Inc.), minkejja l-fatt li din il-prattika kienet prevista fil-politiki interni ta' TIC, turi li s-salvagwardji pprovduti mill-proċessur f'termini ta' implimentazzjoni tal-miżuri organizzattivi xierqa taħt l-Artikolu 28(1) tal-GDPR mhumiex estensivi biżżejjed. Barra minn hekk, l-IT

SA argumentat fl-oġġezzjonijiet tagħha li l-proċessur kiser l-obbligu tiegħu li jgħin lill-kontrollur, skont l-Artikolu 28(3)(f) tal-GDPR.

6.2.5 Ksur tal-Artikolu 32 tal-GDPR fuq is-sigurtà tal-ipproċessar

87. Id-DE SA qajmet oġġezzjonijiet li ddikjaraw li l-IE SA kellha teżamina jekk il-miżuri tekniċi u organizzattivi xierqa kollha (skont l-Artikolu 32 tal-GDPR) ġewx imħarsa f'dan il-każ, u jekk ksur f'dan il-qasam kellux ikun is-suġġett ta' dawn il-proċeduri. Id-DE SA targumenta wkoll li l-Abbozz tad-Deċiżjoni mhuwiex ċar dwar għaliex l-IE SA ma vvalutatx jekk il-ksur sinifikanti tal-kunfidenzjalità ta' *data* personali kkawżat minn "bug sottostanti" huwiex minħabba ksur tar-rekwiżiti tal-Artikolu 32 tal-GDPR.
88. L-FR SA esprimiet oġġezzjoni dwar il-karatterizzazzjoni legali tal-fatti mwettqa mill-IE SA u ddikjarat li n-nuqqas ta' TIC li tirrispetta l-obbligu tal-kontrollur li tivverifika l-validità tal-proċeduri stabbiliti mill-proċessur tagħha jikkorrispondi għal ksur tal-Artikolu 32 tal-GDPR (jew l-Artikolu 28 tal-GDPR - ara t-Taqsima 6.2.4 hawn fuq, aktar milli tal-Artikolu 33(1) tal-GDPR. L-FR SA argumentat li jekk il-proċessur ta' TIC hija l-impriża omm tagħha, "*kien iktar faċli għal TIC li tivverifika l-validità tal-proċeduri stabbiliti mill-impriża omm tagħha u li titlob korrezzjoni jekk meħtieġa*".
89. L-HU SA qajmet oġġezzjonijiet li ddikjarat li minħabba l-"bug" fl-applikazzjoni ta' TIC matul is-snin u n-natura serja tagħha li taffettwa s-sigurtà tad-*data*, l-IE SA għandha tinvestiga jekk TIC kisritx ukoll l-Artikolu 32 tal-GDPR fuq l-obbligi ta' sigurtà tal-ipproċessar,

6.2.6 Ksur tal-Artikolu 33(3) tal-GDPR dwar il-kontenut tan-notifika ta' ksur ta' data personali dwar is-sigurtà tal-ipproċessar

90. Id-DE SA esprimiet oġġezzjonijiet li ddikjaraw li l-eżami tal-IE SA huwa nieqes, fir-rigward tal-ambitu tal-informazzjoni li għandha tingħata fil-każ ta' notifika, li hija stipulata bħala vinkolanti fl-Artikolu 33(3) tal-GDPR. Ibbażat fuq il-kummenti ta' TIC dwar il-Ksur li pprovdiet skont l-Artikolu 33(5) tal-GDPR u fuq id-deskrizzjoni tal-investigazzjoni tal-fatti tal-każ, ovvjament TIC ma kkonformatx għal kollox mal-obbligu ta' dokumentazzjoni tagħha meta rrapportat l-Ksur għall-ewwel darba fit-8 ta' Jannar 2019. Id-DE SA qieset li għalhekk hemm bosta indikazzjonijiet li r-riżultat jista' jkun ukoll ksur tal-Artikolu 33(3) tal-GDPR.

6.2.7 Ksur tal-Artikolu 34 tal-GDPR dwar il-komunikazzjoni ta' ksur ta' data personali lis-suġġett tad-data

91. L-HU SA qajmet oġġezzjonijiet li ddikjarat li minħabba l-"bug" fl-applikazzjoni ta' TIC matul is-snin u n-natura serja tagħha li taffettwa s-sigurtà tad-*data*, l-IE SA kellha tinvestiga jekk TIC kisritx ukoll l-Artikolu 34 tal-GDPR dwar l-obbligi ta' TIC li tinforma lis-suġġetti tad-*data* dwar il-Ksur.

6.3 Pożizzjoni tal-LSA dwar l-oġġezzjonijiet

92. L-LSA pprovdiet ir-risposta tagħha fir-rigward tal-oġġezzjonijiet dwar ksur potenzjali ulterjuri (jew alternattiv) tal-GDPR kollettivament fil-Memorandum Kompost tagħha kondiviż mas-CSAs. L-LSA spjegat li "*eżerċitat d-diskrezzjoni tagħha [...] biex tillimita l-ambitu tal-Inkjesti għall-konsiderazzjoni ta' żewġ kwistjonijiet diskreti, kemm jekk TIC kinitx ikkonformat mal-obbligi tagħha bħala kontrollur skont l-Artikolu 33(1) fir-rigward tan-notifika tal-Ksur, u jekk kinitx ikkonformat mal-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 33(5) biex tiddokumenta l-Ksur*"⁹¹. L-LSA bbażat ruħha fuq it-Taqsima 110(1) tal-Att Irlandiż

⁹¹ Memorandum Kompost, paragrafu 1.7.

dwar il-Protezzjoni tad-Data tal-2018, li jipprovdli li l-IE SA tista' "tikkawża li ssir inkjesta bħalma jidhrilha xieraq"⁹². L-iskop tal-inkjesta kif deskritt mill-IE SA kien għalhekk "*biex teżamina biss iċ-ċirkostanzi madwar in-notifika mdewma apparenti ta' TIC tal-Ksur [...] u d-dokumentazzjoni tagħha tal-Ksur*", kwistjoni meqjusa mill-IE SA bħala "*ta' importanza konsiderevoli minħabba li, bi kważi 200,000 ksur innotifikat f'sentejn madwar l-UE, hemm bżonn ta' ċarezza dwar dak li hu meħtieġ taħt in-notifika ta' ksur u r-rekwiżiti ta' dokumentazzjoni tal-GDPR*"⁹³.

93. Fil-Memorandum Kompost tagħha⁹⁴, l-IE SA ssostni li oġġezzjonijiet imqajma fil-kuntest tal-Artikolu 60(4) tal-GDPR ma jstax ikollhom l-effett li jikkontestaw l-ambitu ta' inkjesta. Fil-każ in kwistjoni, l-LSA tfakkar li hija infurmat lil TIC fil-bidu tal-inkjesta li l-iskop tagħha kien li tivverifika l-konformità ta' TIC mal-Artikolu 33(1) u l-Artikolu 33(5) tal-GDPR fir-rigward tan-notifika tagħha ta' Ksur lill-LSA 8 ta' Jannar 2019. Il-proċess kollu tal-inkjesta għalhekk sar fi fhdan dak l-iskop, kif ukoll l-abbozzar tal-Abbozz tad-Deċiżjoni, u TIC ingħata d-dritt tagħha li tinstema' f'dak ir-rigward f'kull pass tal-proċedura. Għalhekk, l-LSA ssostni li kieku kellha ssegwi l-oġġezzjonijiet tas-CSAs u tinkludi ksur ieħor fid-deċiżjoni finali tagħha "*fuq il-bażi tal-materjal li jinsab fl-Abbozz tad-Deċiżjoni biss*", dan jirriżulta f'periklu għall-inkjesta kollha u l-proċess tal-Artikolu 60 billi tesponiha għar-riskju ta' pretensjonijiet ta' inġustizzja proċedurali⁹⁵.
94. Barra minn hekk, l-LSA tispjega li għandha inkjesta oħra għaddejja b'rabta ma' ksur ta' data ieħor innotifikat lill-LSA minn TIC qabel in-notifika li tikkonċerna l-każ in kwistjoni. F'dik l-inkjesta l-oħra, mibdija qabel din kurrenti, l-LSA tenfasizza li l-ambitu tal-investigazzjoni jikkonċerna n-nuqqas ta' konformità ma' "*inter alia, l-Artikoli 5, 24, 25, 28, 29 u 32*" tal-GDPR⁹⁶. L-LSA tqis li din l-inkjesta parallela tabilħaqq tivvaluta l-konformità ta' TIC mal-obbligi usa' tagħha taħt il-GDPR biex tiddetermina jekk insuffiċjenzi ta' konformità kkawżawx il-ksur tad-data. Konsegwentement, l-LSA hija tal-pożizzjoni li s-CSAs se jkollhom il-possibbiltà li jikkunsidraw tali ksur possibbli fil-kuntest ta' dik l-inkjesta l-oħra, peress li se jiġu kkonsultati dwar l-Abbozz tad-Deċiżjoni tagħha, skont l-Artikolu 60(4) tal-GDPR⁹⁷.
95. TIC issottomettiet li, peress li l-Abbozz tad-Deċiżjoni jiddikjara li "*eżami dettaljat tal-miżuri tekniċi u organizzattivi huwa lil hinn mill-ambitu tal-inkjesta*"⁹⁸, dan "*ma jkunx raġonevoli jew xieraq, u joffendi prinċipji stabbiliti sew ta' ġustizzja naturali, jekk id-Deċiżjoni kellha tagħmel sejbiet jew timponi sanzjonijiet fuq TIC fir-rigward ta' obbligi u prinċipji li ma kinux jiffurmaw parti mill-investigazzjoni tad-DPC, peress li TIC ma kellhiex l-opportunità li tindirizza kwalunkwe tħassib li d-DPC jew is-CSAs jista' jkollhom dwar il-proċessi ta' TIC f'dawn l-oqsma*"⁹⁹.

⁹² Memorandum Kompost, paragrafu 1.5.

⁹³ Memorandum Kompost, paragrafu 1.9.

⁹⁴ Memorandum Kompost, paragrafu 5.44.

⁹⁵ Memorandum Kompost, paragrafu 5.44(c).

⁹⁶ Memorandum Kompost, paragrafu 1.10.

⁹⁷ Memorandum Kompost, paragrafu 5.44(d).

⁹⁸ Abbozz tad-Deċiżjoni, paragrafu 7.19.

⁹⁹ "Rappreżentazzjonijiet bi tweġiba għal oġġezzjonijiet u kummenti minn CSAs" ippreżentati minn TIC (14 ta' Awwissu 2020), paragrafu 4.1. L-EDPB jixtieq jenfasizza li l-oġġezzjonijiet imqajma mis-CSAs inġiebu għall-attenzjoni ta' TIC mill-IE SA, u TIC ħarġet ir-rappreżentazzjonijiet imsemmija hawn fuq dwar l-oġġezzjonijiet, li ġew ikkunsidrati mill-IE SA qabel il-bidu tal-proċedura tal-Artikolu 65 u huma parti mill-fajl li qed jiġi kkunsidrat mill-EDPB fil-kuntest ta' din il-proċedura. Ara wkoll in-nota f'qiegħ il-paġna 19.

6.4 Analiżi tal-EDPB

6.4.1 Valutazzjoni ta' jekk l-oġġezzjonijiet kinux rilevanti u raġunati

6.4.1.1 Ksur tal-Artikolu 5(1)(f) tal-GDPR fuq il-prinċipju tal-integrità u l-kunfidenzjalità

96. L-EDPB jinnota li l-oġġezzjoni tad-**DE SA** dwar l-Artikolu 5(1)(f) tal-GDPR qed tirreferi għal jekk hemmx ksur tal-GDPR billi tesprimi nuqqas ta' qbil dwar il-konklużjonijiet li għandhom jittieħdu mis-sejbiet tal-investigazzjoni. L-oġġezzjoni ressqet ukoll argumenti biex issostni l-konklużjoni li l-konformità mal-Artikolu 5(1)(f) tal-GDPR għandha tiġi vvalutata. L-oġġezzjoni tad-DE SA turi biċ-ċar is-sinifikat tar-riskji maħluqa mill-Abbozz tad-Deċiżjoni għad-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġetti tad-*data*, b'mod partikolari billi tenfasizza li l-fatti jammontaw għal ksur "sinifikanti" u "sostanzjali" tal-kunfidenzjalità tad-*data* personali u li numru kbir ta' persuni kienu kkonċernati għal perjodu sostanzjali ta' żmien. Barra minn hekk id-DE SA argumentat ukoll li kien hemm indikazzjonijiet biex tiġi kkunsidrata l-eżistenza "żball sistemiku", li kien ikun jeħtieġ skrutinju aktar fil-fond lil hinn mill-bug uniku speċifiku involut.
97. L-oġġezzjoni tal-**HU SA** tista' wkoll titqies bħala rilevanti peress li tikkonċerna jekk hemmx ksur tal-GDPR. Barra minn hekk (fil-qosor) tirreferi fil-qosor għal argumenti fattwali li jappoġġjaw il-ħtieġa li tiġi vvalutata din id-dispożizzjoni addizzjonali (kemm dam il-bug u n-natura serja tiegħu li taffettwa s-sigurtà tad-*data*), iżda ma "turix b'mod ċar" is-sinifikat tar-riskji maħluqa mill-Abbozz tad-Deċiżjoni għal riskji għad-drittijiet u l-libertajiet ta' individwi peress li ma tressaqx argumenti jew ġustifikazzjonijiet dwar il-konsegwenzi tal-ħruġ ta' deċiżjoni mingħajr il-bidliet proposti fl-oġġezzjoni¹⁰⁰.
98. Bħala konsegwenza l-EDPB jikkunsidra l-oġġezzjoni mqajma mid-DE SA fir-rigward tal-ksur addizzjonali potenzjali tal-Artikolu 5(1)(f) tal-GDPR bħala rilevanti u raġunata għall-finijiet tal-Artikolu 4(24) tal-GDPR, iżda jikkunsidra li l-oġġezzjoni tal-HU SA fir-rigward tal-istess suġġett ma tissodisfax ir-rekwiżiti tal-Artikolu 4(24)¹⁰¹.
99. L-EDPB se jivvaluta l-merti tal-kwistjonijiet sostanzjali mqajma mill-oġġezzjoni tad-DE SA fir-rigward tal-ksur addizzjonali potenzjali tal-Artikolu 5(1)(f) tal-GDPR (ara t-taqsima 6.4.2 hawn taħt).

6.4.1.2 Ksur tal-Artikolu 5(2) tal-GDPR fuq il-prinċipju tar-responsabbiltà

100. L-oġġezzjoni mqajma mill-**IT SA** għandha titqies bħala "rilevanti" billi jekk tiġi segwita, twassal għal konklużjoni differenti dwar jekk hemmx ksur tal-GDPR¹⁰². B'mod aktar speċifiku, tinkludi "nuqqas ta' qbil dwar il-konklużjonijiet li għandhom jittieħdu mis-sejbiet tal-investigazzjoni", peress li tgħid li s-*"sejbiet jammontaw għall-ksur ta' dispożizzjoni tal-GDPR [...] flimkien ma' [...] dawk diġà analizzati mill-abbozz tad-deċiżjoni"*¹⁰³.
101. Barra minn hekk, l-oġġezzjoni hija "raġunata" billi tinkludi kjarifiki dwar għaliex l-emenda tad-deċiżjoni hija proposta¹⁰⁴: il-bidla proposta tiddependi fuq in-*"nuqqas ta' politiki korporattivi formalizzati biex jimmaniġġjaw aċċidenti ta' sigurtà [...] jew in-nuqqas ta' konformità ma' dawn il-politiki"*, fuq il-fatt li

¹⁰⁰ Linji Gwida dwar l-RRO, paragrafu 19.

¹⁰¹ Bħala konsegwenza, l-EDPB ma jieħu l-ebda pożizzjoni dwar il-mertu ta' kwalunkwe kwistjoni sostanzjali mqajma mill-oġġezzjonijiet tal-HU SA. L-EDPB itenni li d-deċiżjoni kurrenti tiegħu hija mingħajr ebda preġudizzju għal kwalunkwe valutazzjoni li l-EDPB jista' jintalab jagħmel f'każijiet oħra, inkluż bl-istess partijiet, waqt li jqis il-kontenut tal-abbozz ta' deċiżjoni rilevanti u l-oġġezzjonijiet imqajma mis-CSAs.

¹⁰² Linji Gwida dwar l-RRO, paragrafu 13.

¹⁰³ Linji Gwida dwar l-RRO, paragrafu 27.

¹⁰⁴ Linji Gwida dwar l-RRO, paragrafu 17.

tali *“nuqqasijiet proċedurali huma enfasizzati mill-[IE SA] ripetutament”* fl-Abbozz tad-Deċiżjoni, u dwar l-inkapaċità tal-kontrollur li jiddikjara n-numru eżatt u n-natura tad-*data* personali/suġġetti tad-*data* affettwati.

102. L-IT SA uriet b'mod ċar is-sinifikat tar-riskji maħluqa mill-Abbozz tad-Deċiżjoni għad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tas-suġġetti tad-*data*, billi uriet l-*“implikazzjonijiet li l-abbozz tad-deċiżjoni jkollu għall-valuri protetti”*¹⁰⁵ u b'mod aktar speċifiku l-*“impatt fuq id-drittijiet u l-libertajiet ta' suġġetti tad-*data* li d-*data* personali tagħhom tista' tiġi pproċessata fil-futur”*¹⁰⁶. L-oġġezzjoni għamlet hekk billi argumentat li l-aspetti msemmija huma *“ta' natura strutturali fir-rigward tal-organizzazzjoni tal-kontrollur”* u *“mistennija li jipproduċu effetti mhux sempliċement fuq il-każ in kwistjoni, iżda wkoll fuq l-immaniġġjar ta' kwalunkwe ksur ta' data personali li jista' jseħħ fil-futur”*.

103. Bħala konsegwenza, l-oġġezzjoni tal-IT SA dwar l-Artikolu 5(2) tal-GDPR tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 4(24) tal-GDPR. L-EDPB għalhekk se janalizza l-merti tal-kwistjonijiet sostanzjali mqajma minn din l-oġġezzjoni¹⁰⁷.

6.4.1.3 Ksur tal-Artikolu 24 tal-GDPR fuq ir-responsabbiltà tal-kontrollur

104. L-oġġezzjoni tad-DE SA tirreferi speċifikament għall-Kapitolu 5 "Kwistjonijiet għad-determinazzjoni" tal-Abbozz tad-Deciżjoni¹⁰⁸, u toġġezzjona għall-Abbozz tad-Deċiżjoni dwar jekk l-Artikolu 24 tal-GDPR inkisrux ukoll minn TIC¹⁰⁹. Hija tistrieħ fuq il-fatti¹¹⁰ stipulat fl-Abbozz tad-Deċiżjoni li *“jekk utent ta' Twitter b'kont protett, bl-użu ta' Twitter għal Android, biddel l-indirizz tal-email tiegħu il-bug jirriżulta f'li l-kont tagħhom ma jkunx protett”*¹¹¹ u t-tweets protetti tiegħu saru disponibbli pubblikament permezz tas-servizz. B'mod aktar preċiż, id-DE SA qed tistaqsi għaliex l-IE SA ma eżaminatx, fl-Abbozz tad-Deċiżjoni, il-kawżi tal-Ksur, b'mod partikolari fid-dawl tal-Artikolu 24 tal-GDPR, u għaliex l-IE SA ma spjegatx fl-Abbozz ta' Deċiżjoni għaliex ma wetqitx eżami bħal dan.

105. Id-DE SA targumenta li minħabba li n-notifika ta' Ksur żvelat *“nuqqasijiet f'konformità mal-GDPR, ... [kumpanija] li mhix kapaċi b'mezzi u riżorsi proprji, permezz ta' spezzjonijiet ta' timijiet ta' sigurtà interni jew esterni ssib bug ta' dik il-prominenza u l-ambitu għandu jkun soġġetti għalskrutinju aktar fil-fond rigward is-sigurtà tagħha u l-ipproċessar tad-*data*, lil hinn mill-bug speċifiku uniku involut”*.

106. Skont id-DE SA, skrutinju oġhla fis-sistema tal-ipproċessar tad-*data* ta' TIC *“jista' jirriżulta, skont il-każ, f'ordni lill-kontrollur biex iwassal operazzjonijiet ta' pproċessar f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-GDPR. Il-każ preżenti jonqos milli jirrifletti dan ix-xogħol. Dan jagħmilha tant iktar urġenti li jiġu eżaminati s-setgħat korrettivi taħt l-Artikolu 58(2) tal-GDPR f'dan il-kuntest”*.

107. Għalhekk, id-DE SA indikat dak li qieset bħala nuqqas ta' valutazzjoni, bil-konsegwenzi li l-konklużjonijiet meħuda mis-sejbiet tal-investigazzjoni mill-LSA jistgħu jkunu differenti¹¹².

108. L-oġġezzjoni tad-DE SA li *“Skont l-Art. 83 (1) tal-GDPR, il-multi għandhom ikunu “effettivi, proporzjonati u dissważivi f'kull każ individwali. Sanzjoni hija effettiva u dissważiva jekk, minn naħa, hija xierqa bħala miżura preventiva ġenerali biex tiskoraġġixxi lill-pubbliku ġenerali milli jwettaq ksur u biex tafferma l-*

¹⁰⁵ Linji gwida dwar l-RRO, paragrafu 37.

¹⁰⁶ Linji Gwida dwar l-RRO, paragrafu 43.

¹⁰⁷ Ara taqsima 6.4.2 hawn taħt.

¹⁰⁸ Linji Gwida dwar l-RRO, paragrafu 20.

¹⁰⁹ Linji Gwida dwar l-RRO, paragrafu 12.

¹¹⁰ Linji Gwida dwar l-RRO, paragrafu 14.

¹¹¹ Abbozz tad-Deċiżjoni, paragrafu 2.7.

¹¹² Linji Gwida dwar l-RRO, paragrafu 29.

fiduċja tal-pubbliku ġenerali fil-validità tal-liġi tal-Unjoni, iżda, min-naħa l-oħra, hija wkoll adattata bħala miżura preventiva biex tiskoraġġixxi lil min wettaq ir-reat milli jwettaq aktar ksur". Konsegwentement, id-DE SA turi kif jekk ma jinbidilx l-Abbozz tad-Deċiżjoni biex tinkludi valutazzjoni tal-konformità mal-Artikolu 24 tal-GDPR jinħolqu riskji sinifikanti għad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tas-suġġetti tad-*data*¹¹³.

109. Fil-Linji Gwida tagħha dwar l-RRO, l-EDPB jaċċetta li oġġezzjoni tista' tikkontesta l-konklużjoni tal-LSA, billi jikkunsidra li s-sejbiet tal-LSA fil-fatt iwasslu għall-konklużjoni li dispożizzjoni oħra tal-GDPR ġiet miksurha flimkien ma' jew minflok id-dispożizzjoni identifikata mil-LSA¹¹⁴. L-EDPB jikkunsidra li din hija preċiżament l-essenza tal-oġġezzjoni tad-DE SA, u għalhekk ma jwaqqafhiex milli tkun rilevanti u raġunata.
110. Barra minn hekk, l-oġġezzjoni tad-DE SA turi b'mod ċar is-sinifikat tar-riskji maħluqa mill-Abbozz tad-Deċiżjoni għad-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġetti tad-*data*, inkluż billi tenfasizza li numru kbir ta' persuni kienu kkonċernati għal perjodu ta' żmien daqstant sostanzjali, li jirrifletti żball sistematiku li jitlob skrutinju aktar fil-fond, li jħares lil hinn mill-bug speċifiku uniku involut. Bħala konsegwenza, l-oġġezzjoni tal-DE SA dwar l-Artikolu 24 tal-GDPR tissodisfa l-limitu stabbilita fl-Artikolu 4(24) tal-GDPR.
111. Fid-dawl tal-valutazzjoni ta' hawn fuq, l-EDPB jikkunsidra li l-oġġezzjoni tad-DE SA relatata ma' ksur possibbli tal-Artikolu 24 tal-GDPR hija rilevanti u raġunata skont l-Artikolu 4(24) tal-GDPR. Bħala konsegwenza, l-EDPB qed jivvaluta l-mertu tal-kwistjonijiet sostanzjali mqajma minn din l-oġġezzjoni (ara t-taqsima 6.4.2 hawn taħt).

6.4.1.4 Ksur tal-Artikolu 28 tal-GDPR fuq ir-relazzjoni mal-proċessuri

112. L-oġġezzjoni tal-FR SA tirreferi speċifikament għall-paragrafi 7.129 iii), iv) u v) tal-Abbozz tad-Deciżjoni¹¹⁵, u toġġezzjona għall-Abbozz tad-Deċiżjoni dwar jekk l-Artikolu 28 tal-GDPR inkisirx minn TIC minflok l-Artikolu 33(1) tal-GDPR¹¹⁶. Hija tistrieħ fuq il-fatti¹¹⁷ stipulat fl-Abbozz tad-Deċiżjoni u dwar is-sejbiet mill-LSA li "TIC ma rrispettax l-obbligu tal-kontrollur li jivverifika l-validità tal-proċeduri stabbiliti mill-proċessur tiegħu".
113. Skont l-FR SA, billi l-Artikolu 28(3)(h) tal-GDPR jistabbilixxi d-dmirijiet tal-kontrollur meta juża proċessur, is-sejbiet kellhom iwasslu lill-LSA għall-konklużjoni li l-Artikolu 28(3)(h) tal-GDPR ġie miksur, minflok l-Artikolu 33(1) tal-GDPR. Fl-aħħar mill-aħħar, tfisser, għall-FR SA, li s-sanzjoni maħruġa f'multa għandha tindirizza ksur differenti.
114. Fil-Linji Gwida tagħha dwar l-RRO, l-EDPB jaċċetta li oġġezzjoni tista' tikkontesta l-konklużjoni tal-LSA, billi tikkunsidra li s-sejbiet tal-LSA fil-fatt iwasslu għall-konklużjoni li dispożizzjoni oħra tal-GDPR ġiet miksurha flimkien ma' jew minflok id-dispożizzjoni identifikata mil-LSA¹¹⁸. L-EDPB jikkunsidra li din hija preċiżament l-essenza tal-oġġezzjoni tal-FR SA, u għalhekk ma jwaqqafhiex milli tkun rilevanti. L-oġġezzjoni tressaq ukoll b'mod adegwat argumenti li jappoġġjaw il-konklużjoni proposta. Fl-istess ħin, l-EDPB jinnota li l-oġġezzjoni tal-FR SA ma turix b'mod ċar ir-riskji sinifikanti maħluqa mill-Abbozz tad-Deċiżjoni għad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tas-suġġetti tad-*data* b'rigward speċifiku għan-

¹¹³ Linji Gwida dwar l-RRO, paragrafu 19.

¹¹⁴ Linji Gwida dwar l-RRO, paragrafu 27.

¹¹⁵ Linji Gwida dwar l-RRO, paragrafu 20.

¹¹⁶ Linji Gwida dwar l-RRO, paragrafu 12.

¹¹⁷ Linji Gwida dwar l-RRO, paragrafu 14.

¹¹⁸ Linji Gwida għal Oġġezzjoni dwar l-RRO, paragrafu 27.

nuqqas ta' konklużjoni dwar il-ksur ta' din id-dispożizzjoni speċifika¹¹⁹. Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, l-EDPB jikkunsidra li l-oġġezzjoni tad-FR SA relatata ma' ksur possibbli tal-Artikolu 28 tal-GDPR minflok tal-Artikolu 33(1) tal-GDPR mhijiex rilevanti u rraġunata skont l-Artikolu 4(24) tal-GDPR¹²⁰.

115. L-IT SA toġġezzjona għall-Abbozz tad-Deċiżjoni dwar jekk l-Artikolu 28 tal-GDPR, *inter alia*, ġiex miksur minn TIC minbarra l-Artikolu 33(1) tal-GDPR¹²¹.
116. L-IT SA tistrieħ fuq il-fatti mniżżla fl-Abbozz tad-Deċiżjoni u fuq is-sejbiet mil-LSA li filwaqt li l-involviment tad-DPO Globali fit-Tim ta' Sejbien u Rispons tal-proċessur tiegħu, Twitter, Inc., huwa previst fil-politiki interni ta' TIC, fil-prattika, id-DPO Globali ma kienx involut. L-IT SA tinnota wkoll li Twitter, Inc., bħala l-proċessur, naqas milli jassisti lil TIC.
117. Skont l-IT SA, bl-Artikolu 28(1) tal-GDPR li jeħtieġ li l-kontrolluri jużaw biss proċessuri li jipprovdu garanziji suffiċjenti biex jimplementaw miżuri tekniċi u organizzattivi xierqa, u l-Artikolu 28(3)(f) tal-GDPR li jeħtieġ li il-kuntratt bejn il-kontrollur u l-proċessur jistipulaw li l-proċessur jassisti "lill-kontrollur biex jiżgura konformità mal-obbligi skont l-Artikoli 32 sa 36 waqt li jqis in-natura tal-ipproċessar u l-informazzjoni disponibbli għall-proċessur"; is-sejbiet kellhom imexxu lill-LSA għall-konklużjoni li l-Artikolu 28(1) u l-Artikolu 28(3)(f) tal-GDPR ġew miksur wkoll.
118. L-EDPB jikkunsidra li l-oġġezzjoni tal-IT fir-rigward tal-Artikolu 28(1) u l-Artikolu 28(3)(f) tal-GDPR għandha titqies bħala "rilevanti" billi jekk tiġi segwita, twassal għal konklużjoni differenti dwar jekk hemmx ksur tal-GDPR¹²². B'mod aktar speċifiku, tinkludi "nuqqas ta' qbil dwar il-konklużjonijiet li għandhom jittieħdu mis-sejbiet tal-investigazzjoni", peress li tgħid li s-"sejbiet jammontaw għall-ksur ta' dispożizzjoni tal-GDPR [...] flimkien ma' [...] dawk diġà analizzati mill-abbozz tad-deċiżjoni"¹²³.
119. Barra minn hekk, skont l-EDPB, l-oġġezzjoni hija "raġunata" billi tinkludi kjarifiki dwar għaliex l-emenda tad-deċiżjoni hija proposta¹²⁴: il-bidla proposta tiddependi fuq il-fatt li l-kontrollur ma kkonformax mal-politiki interni tiegħu li skontrahom għandu jkun involut id-DPO ta' TIC. Barra minn hekk, l-oġġezzjoni tqajjem il-punt li l-proċessur naqas milli jikkonforma mal-obbligu kuntrattwali tiegħu li jassisti lill-kontrollur, skont l-Artikolu 28(3)(f) tal-GDPR.
120. Madankollu, l-EDPB jinnota li l-oġġezzjoni tal-IT SA relatata mal-Artikolu 28(1) u l-Artikolu 28(3)(f) tal-GDPR ma turix b'mod ċar riskji sinifikanti maħluqa mill-Abbozz tad-Deċiżjoni għad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tas-suġġetti tad-*data*¹²⁵. Bħala konsegwenza din l-oġġezzjoni mqajma mill-IT SA ma tissodisfax ir-rekwiżiti mfassla fl-Artikolu 4(24) tal-GDPR¹²⁶.

¹¹⁹ Linji Gwida dwar l-RRO, paragrafu 29.

¹²⁰ Bħala konsegwenza, l-EDPB ma jieħu l-ebda pożizzjoni dwar il-mertu ta' kwalunkwe kwistjoni sostanzjali mqajma minn dawn l-oġġezzjonijiet. L-EDPB itenni li d-deċiżjoni kurrenti tiegħu hija mingħajr ebda preġudizzju għal kwalunkwe valutazzjoni li l-EDPB jista' jintalab jagħmel f'każijiet oħra, inkluż bl-istess partijiet, waqt li jqis il-kontenut tal-abbozz ta' deċiżjoni rilevanti u l-oġġezzjonijiet imqajma mis-CSAs.

¹²¹ Linji Gwida dwar l-RRO, paragrafu 12.

¹²² Linji Gwida dwar l-RRO, paragrafu 13.

¹²³ Linji Gwida dwar l-RRO, paragrafu 27.

¹²⁴ Linji Gwida dwar l-RRO, paragrafu 17.

¹²⁵ Linji Gwida dwar l-RRO, paragrafu 29.

¹²⁶ Bħala konsegwenza, l-EDPB ma jieħu l-ebda pożizzjoni dwar il-mertu ta' kwalunkwe kwistjoni sostanzjali mqajma minn dawn l-oġġezzjonijiet. L-EDPB itenni li d-deċiżjoni kurrenti tiegħu hija mingħajr ebda preġudizzju għal kwalunkwe valutazzjoni li l-EDPB jista' jintalab jagħmel f'każijiet oħra, inkluż bl-istess partijiet, waqt li jqis il-kontenut tal-abbozz ta' deċiżjoni rilevanti u l-oġġezzjonijiet imqajma mis-CSAs.

121. L-oġġezzjoni tad-**DE SA**, jekk tiġi segwita, tinvolvi bidla li twassal għal konklużjoni differenti dwar jekk hemmx ksur tal-GDPR, peress li identifikat "*nuqqas ta' qbil dwar il-konklużjonijiet li għandhom jittieħdu mis-sejbiet tal-investigazzjoni*"¹²⁷ billi rrilevat li s-sejbiet jistgħu jindikaw ksur tal-Artikolu 32 tal-GDPR ukoll. Għalhekk, l-EDPB iqis li hemm rabta bejn il-kontenut tal-oġġezzjoni u l-konklużjoni differenti potenzjali¹²⁸. Barra minn hekk, din l-oġġezzjoni hija relatata ma' kontenut legali u fattwali speċifiku tal-Abbozz tad-Deciżjoni¹²⁹.
122. Barra minn hekk, l-oġġezzjoni tad-DE SA turi biċ-ċar is-sinifikat tar-riskji maħluqa mill-Abbozz tad-Deċiżjoni għad-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġetti tad-*data*, b'mod partikolari billi tenfasizza li l-fatti jammontaw għal ksur "sinifikanti" u "sostanzjali" tal-kunfidenzjalità tad-*data* personali u li numru kbir ta' persuni kienu kkonċernati għal perjodu sostanzjali ta' żmien. Barra minn hekk id-DE SA argumentat ukoll li kien hemm indikazzjonijiet biex tiġi kkunsidrata l-eżistenza ta' "żball sistemiku", li kien ikun jeħtieġ skrutinju aktar fil-fond lil hinn mill-bug uniku speċifiku involut.
123. Fid-dawl tal-valutazzjoni ta' hawn fuq, l-EDPB jikkunsidra li l-oġġezzjoni tad-DE SA relatata ma' ksur possibbli tal-Artikolu 32 tal-GDPR hija rilevanti u raġunata skont l-Artikolu 4(24) tal-GDPR. Bħala konsegwenza, l-EDPB qed jivvaluta l-mertu tal-kwistjonijiet sostanzjali mqajma minn din l-oġġezzjoni (ara punt 6.4.2 hawn taħt).
124. Fir-rigward tal-oġġezzjoni tal-**FR SA**, l-EDPB jikkunsidraha bħala li tissodisfa l-kriterju ta' "rilevanti" għaliex kieku l-LSA segwietha, kien ikun hemm konklużjoni differenti dwar jekk hemmx ksur tal-GDPR¹³⁰. L-oġġezzjoni tal-FR SA hija bbażata fuq ir-raġunament ipprovdut mill-IE SA fl-Abbozz tad-Deċiżjoni tagħha u dan ir-raġunament huwa marbut mal-konklużjoni dwar jekk ksur tal-GDPR kienx identifikat b'mod korrett¹³¹. L-EDPB ifakkar li s-CSA trid tippreżenta l-fatti li allegatament wasslu għal konklużjoni differenti¹³² u tinnotta li fil-każ involut l-oġġezzjoni tanalizza l-fatti li kieku jwasslu għall-ksur tal-Artikolu 32(1)(d) tal-GDPR, minflok il-ksur tal-Artikolu 33(1) tal-GDPR, u tagħmel dan b'mod koerenti, ċar u b'mod preċiż, billi tindika b'mod ċar ma' liema partijiet tad-deċiżjoni tal-IE SA ma taqbilx. L-oġġezzjoni tal-FR SA hija rilevanti b'mod ċar billi tiddekrivi nuqqas ta' qbil dwar jekk seħħ ksur tal-GDPR. Madankollu, l-oġġezzjoni tal-FR SA tispjega biss fil-qosor ir-raġunijiet għall-bidla proposta tagħha u ma turix b'mod ċar is-sinifikat tar-riskji maħluqa mill-Abbozz tad-Deċiżjoni fir-rigward tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tas-suġġetti tad-*data* fir-rigward tan-nuqqas li jinstab ksur ta' Artikolu 32 tal-GDPR. Bħala konsegwenza din l-oġġezzjoni mqajma mill-FR SA ma tissodisfax ir-rekwiżiti mfassla fl-Artikolu 4(24) tal-GDPR¹³³.
125. L-oġġezzjoni tal-**HU SA** rreferiet ukoll għal jekk hemmx ksur tal-GDPR, billi argumentat li l-ksur possibbli tal-prinċipju ta' integrità u kunfidenzjalità għandu jiġi investigat ukoll. L-oġġezzjoni tal-HU SA hija rilevanti b'mod ċar billi tiddekrivi li dispożizzjoni addizzjonali tal-GDPR (jiġifieri l-Artikolu 32 tal-GDPR) kellha tiġi investigata. Madankollu, l-HU SA ma tispjegax kif l-Abbozz tad-Deċiżjoni joħloq riskji bħal

¹²⁷ Linji Gwida dwar l-RRO, paragrafu 28.

¹²⁸ Linji Gwida dwar l-RRO, paragrafu 13.

¹²⁹ Linji Gwida dwar l-RRO, paragrafu 14.

¹³⁰ Linji Gwida dwar l-RRO, paragrafu 13.

¹³¹ Linji Gwida dwar l-RRO, paragrafu 16.

¹³² Linji Gwida dwar l-RRO, paragrafu 18.

¹³³ Bħala konsegwenza, l-EDPB ma jieħu l-ebda pożizzjoni dwar il-mertu ta' kwalunkwe kwistjoni sostanzjali mqajma minn dawn l-oġġezzjonijiet. L-EDPB itenni li d-deċiżjoni kurrenti tiegħu hija mingħajr ebda preġudizzju għal kwalunkwe valutazzjoni li l-EDPB jista' jintalab jagħmel f'każijiet oħra, inkluż bl-istess partijiet, waqt li jqis il-kontenut tal-abbozz ta' deċiżjoni rilevanti u l-oġġezzjonijiet imqajma mis-CSAs.

dawn, u lanqas ma tispjega bis-sħiħ għaliex aspetti speċifiċi tad-deċiżjoni huma defiċjenti fil-perspettiva tagħha¹³⁴. L-oġġezzjoni tal-HU SA tonqos milli tissodisfa l-kriterju li tipprovdi raġunament sod għall-oġġezzjoni tagħha, billi tirreferi għal argumenti legali jew fattwali. Għall-kuntrarju, tirrakkomanda biss li l-IE SA tkun teħtieġ ukoll li tinvestiga l-konformità tal-kontrollur mal-Artikolu 32 tal-GDPR. Bħala konsegwenza din l-oġġezzjoni mqajma mill-HU SA ma tissodisfax ir-rekwiżiti mfassla mill-Artikolu 4(24) tal-GDPR¹³⁵.

6.4.1.6 Ksur tal-Artikolu 33(3) tal-GDPR dwar il-kontenut tan-notifika ta' ksur ta' *data* personali dwar is-sigurtà tal-ipproċessar

126. Id-DE SA tqis li l-Abbozz ta' Deċiżjoni jindika li l-Artikolu 33(3) tal-GDPR jista' jinkiser flimkien ma' dispożizzjonijiet oħra tal-GDPR. F'dak is-sens, huwa dwar "jekk hemmx ksur" tal-GDPR, u li ma ġiex eżaminat u indirizzat mill-Abbozz tad-Deċiżjoni. Għalhekk, id-DE SA tikkunsidra li, jekk jinbidel, l-Abbozz tad-Deċiżjoni jwassal għall-konklużjoni ta' ksur addizzjonali tal-GDPR.

127. Madankollu, id-DE SA ma turix b'mod ċar ir-riskji sinifikanti maħluqa mill-Abbozz tad-Deċiżjoni għad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tas-suġġetti tad-*data*. Bħala konsegwenza, l-oġġezzjoni tal-DE SA dwar l-Artikolu 33(3) tal-GDPR tonqos milli tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 4(24) tal-GDPR¹³⁶.

6.4.1.7 Ksur tal-Artikolu 34 tal-GDPR dwar il-komunikazzjoni ta' ksur ta' *data* personali lis-suġġett tad-*data*

128. Il-HU SA tqis li l-Abbozz tad-Deċiżjoni jindika li l-Artikolu 34 tal-GDPR jista' jinkiser flimkien ma' dispożizzjonijiet oħra tal-GDPR, speċjalment fid-dawl tal-fatt li l-bug dam tul is-snin, u minħabba n-natura serja li taffettwa s-sigurtà tal-kontrollur. F'dak is-sens, huwa dwar "jekk hemmx ksur" tal-GDPR, u li ma ġiex eżaminat u indirizzat mill-Abbozz tad-Deċiżjoni. Għalhekk, l-HU SA tikkunsidra li, jekk jinbidel, l-Abbozz tad-Deċiżjoni jwassal għall-konklużjoni ta' ksur addizzjonali tal-GDPR.

129. Madankollu, l-HU SA ma turix b'mod ċar ir-riskji sinifikanti maħluqa mill-Abbozz tad-Deċiżjoni għad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tas-suġġetti tad-*data*. Bħala konsegwenza, l-oġġezzjoni tal-HU SA dwar l-Artikolu 34 tal-GDPR tonqos milli tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 4(24) tal-GDPR¹³⁷.

6.4.2 *Valutazzjoni tal-merti tal-kwistjoni(jiet) sostanzjali mqajma mill-oġġezzjonijiet rilevanti u ragonati u konklużjoni*

130. Il-Bord issa janalizza l-oġġezzjonijiet li nstabu li huma rilevanti u raġunati - b'mod partikolari l-oġġezzjonijiet tad-DE SA dwar l-Artikolu 5(1)(f), l-Artikoli 24 u 32 tal-GDPR, kif ukoll l-oġġezzjoni tal-IT

¹³⁴ Linji Gwida dwar l-RRO, paragrafu 18.

¹³⁵ Bħala konsegwenza, l-EDPB ma jieħu l-ebda pożizzjoni dwar il-mertu ta' kwalunkwe kwistjoni sostanzjali mqajma minn dawn l-oġġezzjonijiet. L-EDPB itenni li d-deċiżjoni kurrenti tiegħu hija mingħajr ebda preġudizzju għal kwalunkwe valutazzjoni li l-EDPB jista' jintalab jagħmel f'każijiet oħra, inkluż bl-istess partijiet, waqt li jqis il-kontenut tal-abbozz ta' deċiżjoni rilevanti u l-oġġezzjonijiet imqajma mis-CSAs.

¹³⁶ Bħala konsegwenza, l-EDPB ma jieħu l-ebda pożizzjoni dwar il-mertu ta' kwalunkwe kwistjoni sostanzjali mqajma minn dawn l-oġġezzjonijiet. L-EDPB itenni li d-deċiżjoni kurrenti tiegħu hija mingħajr ebda preġudizzju għal kwalunkwe valutazzjoni li l-EDPB jista' jintalab jagħmel f'każijiet oħra, inkluż bl-istess partijiet, waqt li jqis il-kontenut tal-abbozz ta' deċiżjoni rilevanti u l-oġġezzjonijiet imqajma mis-CSAs.

¹³⁷ Bħala konsegwenza, l-EDPB ma jieħu l-ebda pożizzjoni dwar il-mertu ta' kwalunkwe kwistjoni sostanzjali mqajma minn dawn l-oġġezzjonijiet. L-EDPB itenni li d-deċiżjoni kurrenti tiegħu hija mingħajr ebda preġudizzju għal kwalunkwe valutazzjoni li l-EDPB jista' jintalab tagħmel f'każijiet oħra, inkluż bl-istess partijiet, waqt li jqis il-kontenut tal-abbozz ta' deċiżjoni rilevanti u l-oġġezzjonijiet imqajma mis-CSAs.

SA dwar l-Artikolu 5(2) tal-GDPR - kif ukoll ir-risposta tal-LSA għal dawk l-oġġezzjonijiet u s-sottomissjonijiet ta' TIC.

131. Fi qbil mal-Artikolu 65(1)(a) tal-GDPR, fil-kuntest ta' proċedura ta' soluzzjoni ta' tilwim l-EDPB għandu jieħu deċiżjoni vinkolanti dwar il-kwistjonijiet kollha li huma s-soġġett tal-oġġezzjonijiet rilevanti u raġonati, b'mod partikolari jekk hemmx ksur tal-GDPR. L-EDPB jista' (u għandu) jieħu deċiżjoni vinkolanti li għandha kull meta jkun possibbli, filwaqt li tqis l-elementi tal-fajl u d-dritt tal-konvenut li jinstema', tipprovdi konklużjoni finali dwar l-applikazzjoni tal-GDPR fir-rigward tal-każ in kwistjoni. L-LSA mbagħad se tkun obbligata li timplimenta l-bidliet fid-deċiżjoni finali tagħha.
132. Il-Bord jikkunsidra li l-elementi fattwali disponibbli inklużi fl-Abbozz tad-Deċiżjoni u fl-oġġezzjonijiet mhumiex biżżejjed biex jippermettu lill-EDPB jistabbilixxi l-eżistenza ta' aktar ksur (jew alternattiv) tal-Artikolu 5(1)(f), 5(2), 24 u 32 tal-GDPR.
133. Il-Bord jikkunsidra li, bħala kwistjoni ġenerali, l-ambitu limitat tal-inkjesta mill-IE SA - iffukat mill-bidu biss fuq jekk kienx hemm ksur minn TIC tal-Artikolu 33(1) u 33(5) tal-GDPR - jaffettwa direttament il-mandat tal-investigazzjoni u t-tiftix ta' fatti ulterjuri, kif ukoll il-kapaċità għas-CSAs li jressqu elementi suffiċjenti għall-EDPB biex isostni l-oġġezzjonijiet.
134. L-EDPB ifakkar id-dmir tal-LSA li "tipprova tilħaq kunsens" mas-CSAs (l-Artikolu 60(1) tal-GDPR) u li tipprovdi, mingħajr dewmien, lis-CSAs bl-"informazzjoni rilevanti" dwar il-kwistjoni (l-Artikolu 60(3) tal-GDPR). Anke f'każ ta' inkjesta volontarja, il-Linji Gwida dwar oġġezzjonijiet raġunati u rilevanti jiddikjaraw li LSA "għandha tfittex kunsens rigward l-ambitu tal-proċedura (jiġifieri l-aspetti tal-ipproċessar tad-*data* taħt skrutinju) qabel ma tibda l-proċedura formalment"¹³⁸, inkluż fil-kuntest ta' proċediment ġdid possibbli.
135. Filwaqt li l-EDPB jikkunsidra li l-SAs igawdu ċertu grad ta' diskrezzjoni biex jiddeċiedu kif jiffurmaw l-ambitu tal-inkjesta tagħhom, l-EDPB ifakkar li wieħed mill-għanijiet ewlenin tal-GDPR huwa li jiżgura konsistenza fl-Unjoni Ewropea kollha, u l-kooperazzjoni bejn l-LSA u s-CSAs huwa wieħed mill-mezzi biex jinkiseb dan. L-EDPB ifakkar ukoll fl-eżistenza ta' firxa sħiħa ta' għodod ta' kooperazzjoni previsti mill-GDPR (inklużi l-Artikoli 61 u 62 tal-GDPR), waqt li jinżamm preżenti l-għan li jintlaħaq kunsens fi ħdan il-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni u l-ħtieġa li tiġi skambjata l-informazzjoni rilevanti kollha, bil-ħsieb li tiġi żgurata l-protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tas-suġġetti tad-*data*.
136. L-EDPB jikkunsidra li fid-determinazzjoni tal-ambitu tal-inkjesta, filwaqt li tista' tkun limitata, LSA għandha tfassalha b'tali mod li tippermetti lis-CSAs iwettqu r-rwol tagħhom b'mod effettiv, flimkien mal-LSA, meta tkun qed tiddetermina jekk kienx hemm ksur tal-GDPR.

7 DWAR IL-MIŻURI KORRETTIVI DEĊIŻI MILL-LSA - B'MOD PARTIKOLARI, L-IMPOŻIZZJONI TA' TWIDDIBA

7.1 Analiżi mil-LSA fl-Abbozz tad-Deċiżjoni

137. L-Abbozz tad-Deċiżjoni jispjega li, filwaqt li fl-Abbozz tad-Deċiżjoni Preliminari s-setgħat korrettivi proposti li għandhom jiġu imposti kienu kemm ċanfira, skont l-Artikolu 58(2)(b) tal-GDPR, kif ukoll

¹³⁸ Linji Gwida dwar l-RRO, paragrafu 28.

multa amministrattiva, skont l-Artikolu 58(2)(i) tal-GDPR, l-Abbozz tad-Deċiżjoni finali jikkonsisti fl-impożizzjoni biss ta' multa amministrattiva fuq TIC bħala l-kontrollur¹³⁹.

138. Fis-sottomissjonijiet tagħha fir-rigward tal-Abbozz tad-Deċiżjoni Preliminari, TIC oġġezzjonat għad-deċiżjoni li toħroġ twiddiba, billi sostniet li l-ksur tal-Artikolu 33(1) u l-Artikolu 33(5) tal-GDPR ma jinkludux "operazzjonijiet ta' pproċessar", filwaqt li l-Artikolu 58(2)(b) tal-GDPR jipprovdi lill-awtoritajiet superviżorji bis-setgħa li joħroġu twiddib fejn operazzjonijiet ta' pproċessar kisru d-dispożizzjonijiet tal-GDPR¹⁴⁰. L-argument ta' TIC prinċipalment jiddependi fuq il-fatt li la d-dewmien fin-notifika lill-SA u lanqas in-nuqqas li jinżammu rekords xierqa ma jammontaw għal operazzjoni ta' pproċessar fiha nnifisha¹⁴¹.
139. Fl-Abbozz tad-Deċiżjoni tagħha, l-IE SA spjegat id-deċiżjoni tagħha li ma toħroġx ċanfira billi fakkret fl-argument imressaq minn TIC fis-sottomissjonijiet tagħha fir-rigward tal-Abbozz tad-Deċiżjoni Preliminari, u sostniet li l-ksur tal-Artikolu 33(1) u l-Artikolu 33(5) tal-GDPR ma jinkludux "operazzjonijiet ta' pproċessar", filwaqt li l-Artikolu 58(2)(b) tal-GDPR jipprovdi lill-awtoritajiet superviżorji bis-setgħa li joħroġu twiddib fejn operazzjonijiet ta' pproċessar kisru d-dispożizzjonijiet tal-GDPR¹⁴². L-IE SA qieset li t-terminu 'operazzjoni(jiet) ta' pproċessar' jidher 50 darba fil-GDPR u jidher li jintuża biex jindika t-trattament jew l-użu ta', fi kliem ieħor, affarijiet li jsiru lil, *data* personali kkontrollata minn kontrollur, iżda li fl-istess ħin id-definizzjoni ta' "proċessar" ipprovduta mill-GDPR hija wiesgħa ħafna, u dan jagħmilha argumentabbli li minħabba li ksur huwa xi ħaġa li taffettwa jew isir lil, *data* personali, isegwi li l-obbligu ta' notifika (safejn inerenti għandu jinvolvi eżami ta' dak li ġara lil *data* personali jew kif ġiet affettwata) hija intrinsikament konnessa ma' operazzjoni ta' pproċessar waħda jew aktar¹⁴³. L-IE SA ma kkunsidratx li huwa neċessarju li tikkonkludi definittivament dwar it-tifsira u l-effett tat-terminu "operazzjonijiet ta' pproċessar" fl-Abbozz tad-Deċiżjoni, iżda "fuq bilanċ" ikkunsidra li l-argument legali ta' TIC kien "wieħed statabbli", u ddeċidiet li ma tipproċedix bil-ħruġ ta' twiddiba lit-TIC¹⁴⁴.

7.2 Taqsira tal-oġġezzjonijiet imqajma mis-CSAs

140. Id-DE SA qajmet oġġezzjoni dwar il-fatt li filwaqt li fl-Abbozz ta' Deċiżjoni Preliminari kemm twiddiba kif ukoll multa kienu previsti, multa biss kienet inkluża fl-Abbozz tad-Deċiżjoni. Id-DE SA ma qablitx mar-raġunament imressaq mill-IE SA dwar id-deċiżjoni li ma tiġix impost ċanfira. Skont id-DE SA, ir-raġunament legali aċċettat mill-LSA bħala "statabbli" mhuwiex konvinċenti billi l-interpretazzjoni legali teħtieġ mhux biss eżami tal-kliem tad-dispożizzjoni, iżda wkoll tat-tifsira u l-iskop tagħha, l-istorja tal-iżvilupp tagħha u l-integrazzjoni sistematika tagħha fil-kumpless regolatorju kollu.

7.3 Pożizzjoni tal-LSA dwar l-oġġezzjonijiet

141. Fil-Memorandum Kompost tagħha, l-IE SA qieset li filwaqt li l-oġġezzjoni tad-DE SA tirrelata ma' "jekk l-azzjoni prevista fir-rigward ta' kontrollur jew proċessur tikkonformax ma' [il-GDPR]", ma turix kif jekk

¹³⁹ Abbozz tad-Deċiżjoni, paragrafu 12.1.

¹⁴⁰ Is-sottomissjonijiet ta' TIC fir-rigward tal-Abbozz tad-Deċiżjoni Preliminari, paragrafu 11.1.

¹⁴¹ Abbozz tad-Deċiżjoni, paragrafu 12.4.

¹⁴² Is-sottomissjonijiet ta' TIC fir-rigward tal-Abbozz tad-Deċiżjoni Preliminari, paragrafu 11.1.

¹⁴³ Abbozz tad-Deċiżjoni, paragrafu 12.5.

¹⁴⁴ Abbozz tad-Deċiżjoni, paragrafu 12.5. L-argumenti separati l-oħra magħmula minn TIC dwar raġunijiet għaliex l-impożizzjoni ta' twiddiba ma kinitx ikkunsidrata xierqa (is-sottomissjonijiet ta' TIC fir-rigward tal-Abbozz ta' Deċiżjoni Preliminari, paragrafi 11.2-11.4) ma ġewx ikkunsidrati separatament, fid-dawl tad-deċiżjoni msemmija hawn fuq (Abbozz ta' Deċiżjoni, paragrafu 12.6).

in-nuqqas ta' ħruġ ta' twiddiba lil TIC jista' jwassal għal riskji sinifikanti għas-suġġetti tad-*data*¹⁴⁵ dwar id-deċiżjoni li ma tinħariġx ċanfira ma kinitx rilevanti u rraġunata skont l-Artikolu 4(24) tal-GDPR.

142. Madankollu filwaqt li tindirizza l-merti tal-kwistjoni(jiet) sostanzjali mqajma mill-oġġezzjonijiet, l-LSA spjegat li kkunsidrat it-terminu "operazzjonijiet ta' pproċessar" skont it-tifsira u l-applikazzjoni tagħha fil-GDPR kollu, waqt li tinnota li dan it-terminu jintuża biss għas-setgħat tal-SAs skont l-Artikolu 58 tal-GDPR. Wara s-sottomissjonijiet ta' TIC fit-tweġiba tagħha għall-oġġezzjonijiet tas-CSAs fuq dak il-punt, l-LSA ddeċidiet, wara li kkunsidrat l-ambitu tal-inkjesta li ffokat fuq l-obbligi tal-kontrollur fir-rigward tan-notifika ta' Ksur, li l-inkjesta tagħha "*ma kinitx tinvolvi sejba li l-operazzjonijiet ta' pproċessar' sottostanti relatati mal-Ksur kisru [...] il-GDPR*"¹⁴⁶. Għalhekk, l-LSA kkunsidrat li ma kien hemm l-ebda raġuni biex tirrevedi d-deċiżjoni tagħha li ma toħroġx ċanfira fid-dawl tal-oġġezzjoni tad-DE SA.
143. L-LSA nnutat li l-pożizzjoni tagħha fl-Abbozz tad-Deċiżjoni biex ma toħroġx ċanfira hija applikabbli biss għaċ-ċirkostanzi speċifiċi ta' dan il-każ; għalhekk huwa mingħajr ebda preġudizzju għal deċiżjonijiet futuri dwar twiddib li jistgħu jsiru mill-LSA jew kwalunkwe CSA oħra¹⁴⁷.

7.4 Analiżi tal-EDPB

7.4.1 Valutazzjoni ta' jekk l-oġġezzjonijiet kinux rilevanti u raġunati

144. L-oġġezzjoni tad-**DE SA** tirreferi għall-konformità tal-azzjoni prevista mal-GDPR, peress li tindika liema azzjoni korrettiva, fil-fehma tagħha, tkun xierqa biex l-LSA tinkludiha fid-deċiżjoni finali: hija għalhekk oġġezzjoni rilevanti, li turi b'mod adegwat il-konklużjoni differenti proposta. Barra minn hekk, tinkludi raġunament legali li jsostni l-opinjoni tagħha u tipproponi interpretazzjoni legali alternattiva. Madankollu, l-oġġezzjoni ma turix b'mod ċar is-sinifikat tar-riskju maħluqa mill-Abbozz tad-Deċiżjoni għad-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġetti tad-*data* u/jew il-fluss liberu ta' *data* personali. B'mod partikolari, ma jipprovdix motivazzjoni dwar kif in-nuqqas li tiġi imposta twiddiba f'dan il-każ speċifiku - fejn tiġi imposta wkoll multa - jista' jwassal għal riskji għad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tas-suġġetti tad-*data*.

7.4.2 Konklużjoni

145. L-EDPB jikkunsidra li din l-oġġezzjonijiet ma tissodisfax ir-rekwiżiti tal-Artikolu 4(24) tal-GDPR.
146. L-EDPB jinnota li l-pożizzjoni tal-LSA, li l-pożizzjoni tagħha li ma toħroġx ċanfira hija applikabbli biss għaċ-ċirkostanzi speċifiċi ta' dan il-każ; għalhekk huwa mingħajr ebda preġudizzju għal deċiżjonijiet futuri dwar twiddib li jistgħu jsiru mill-LSA jew kwalunkwe CSA oħra¹⁴⁸.
147. Kif indikat qabel, id-deċiżjoni tal-EDPB li ma jivvalutax il-merti tas-sustanza tal-oġġezzjoni mqajma hija mingħajr preġudizzju għal deċiżjonijiet futuri tal-EDPB dwar l-istess jew dwar kwistjonijiet simili.

¹⁴⁵ Memorandum Kompost, paragrafu 5.79.

¹⁴⁶ Memorandum Kompost, paragrafu 5.78.

¹⁴⁷ Memorandum Kompost, paragrafu 5.78.

¹⁴⁸ Memorandum Kompost, paragrafu 5.78.

8 DWAR IL-MIŻURI KORRETTIVI - B'MOD PARTIKOLARI, IL-KALKOLU TAL-MULTA AMMINISTRATTIVA

8.1 Analiżi mil-LSA fl-Abbozz tad-Deċiżjoni

148. L-Abbozz tad-Deċiżjoni jispjega kif l-IE SA kkunsidrat il-kriterji fl-Artikolu 83(2) tal-GDPR meta ddeċidiet jekk timponix multa amministrattiva u kif tiddetermina l-ammont tagħha¹⁴⁹.
149. Fir-rigward tal-kalkolu tal-multa, l-Abbozz tad-Deċiżjoni analizza, l-ewwel, **in-natura, il-gravità u t-tul tal-ksur**, skont l-Artikolu 83(2)(a) tal-GDPR¹⁵⁰. L-Abbozz tad-Deċiżjoni qieset “*in-natura, l-ambitu jew l-iskop tal-ipproċessar*” billi rreferiet għan-natura tal-operazzjonijiet tal-ipproċessar imwettqa minn Twitter (“*microblogging*” u pjattaforma tal-midja soċjali li fuqha l-utenti għandhom l-opportunità li jiddokumentaw il-ħsbijiet tagħhom fi “*tweets*”), għan-natura tal-ipproċessar li wassal għall-Ksur (li jirriżulta minn bug li wassal għal tweets ‘protetti’ biex isiru ‘mhux protetti’ u aċċessibbli pubblikament - f’każijiet fejn l-utenti ta’ Android biddlu l-indirizz tal-email), u għall-ambitu tal-ipproċessar (il-bug affettwa mill-inqas 88,726 utenti tal-UE/ŻEE, peress li ġew affettwati persuni addizzjonali bejn id-data tal-bug fl-4 ta’ Novembru 2014 u r-rimedju sħiħ tiegħu fl-14 ta’ Jannar 2019 iżda ma kienx possibbli għalihom li jiġu identifikati kollha)¹⁵¹.
150. L-Abbozz tad-Deċiżjoni qies ukoll **in-numru ta’ suġġetti tad-data affettwati u l-livell ta’ ħsara mġarrba minnhom**¹⁵² billi kkonkludiet li n-numru ta’ suġġetti tad-data li setgħu ġew potenzjalment affettwati min-notifika mdewma u l-potenzjal ta’ ħsara lis-suġġetti tad-data li jirriżultaw mill-evalwazzjoni mdewma konsegwenti mill-SA kienu fatturi rilevanti li għandhom jiġu kkunsidrati¹⁵³. Ġie mfakkar li l-impatt fuq l-utenti individwali u l-possibbiltà ta’ ħsara li tirriżulta minnu se jkollhom impatt fuq il-livell u n-natura tad-data personali magħmula pubblika u li kien hemm mill-inqas potenzjal ta’ ħsara lis-suġġetti tad-data marbuta mad-dewmien ta’ azzjonijiet ta’ rimedju¹⁵⁴. Il-pożizzjoni tal-IE SA fl-Abbozz Preliminari kienet li “*filwaqt li TIC ma kkonfermatx in-natura preċiża tad-data magħmula pubblika fil-Ksur, kien raġonevoli li jiġi dedott li, minħabba l-iskala tal-utenti affettwati u n-natura tas-servizz offrut minn TIC, ftit mid-data personali rrilaxxata fir-rigward għal, għall-inqas, xi wħud mill-utenti kienet tikkonkludi kategoriji sensittivi ta’ data u materjal ieħor partikolarment privat*”¹⁵⁵. Din il-pożizzjoni għet sfumata aktar fl-Abbozz tad-Deċiżjoni fid-dawl tas-sottomissjonijiet ta’ TIC, billi l-IE SA ddeċidiet li “*inqas piż għandu jiġi attribwit għal dan il-fattur*” fuq il-bażi tal-fatt li “*filwaqt li ma jistax jingħad definittivament li l-ebda utenti affettwati mill-Ksur ma ġew affettwati min-notifika mdewma, ma kien hemm l-ebda evidenza diretta ta’ ħsara li tirriżulta min-notifika mdewma*”¹⁵⁶.

¹⁴⁹ Abbozz tad-Deċiżjoni, paragrafi 14.1-14.62.

¹⁵⁰ L-Artikolu 83(2)(a) tal-GDPR jirreferi għal “*in-natura, il-gravità u t-tul tal-ksur meta jqis in-natura, l-ambitu jew l-iskop tal-ipproċessar ikkonċernat kif ukoll in-numru ta’ suġġetti tad-data affettwati u l-livell ta’ ħsara mġarrba minnhom*”.

¹⁵¹ Abbozz tad-Deċiżjoni, paragrafu 14.2.

¹⁵² Abbozz tad-Deċiżjoni, paragrafi 14.3-14.5.

¹⁵³ Abbozz tad-Deċiżjoni, paragrafu 14.5.

¹⁵⁴ Abbozz tad-Deċiżjoni, paragrafu 14.5 (l-Abbozz tad-Deċiżjoni jinnotta li “*Huwa ċar li l-impatt fuq l-utenti individwali, u l-possibbiltà ta’ ħsara li tirriżulta minnha, se jiddependu fuq il-livell ta’ data personali magħmula pubblika u, ukoll, in-natura ta’ dik id-data personali*”).

¹⁵⁵ Abbozz tad-Deċiżjoni, paragrafu 14.5.

¹⁵⁶ Abbozz tad-Deċiżjoni, paragrafu 14.5.

151. Fir-rigward tan-**natura tal-ksur**, l-Abbozz tad-Deċiżjoni enfasizza li l-ksur tal-Artikoli 33(1) u 33(5) tal-GDPR ma jirrelatawx mal-materja sostantiva tal-Ksur¹⁵⁷. L-IE SA qieset ukoll li n-natura tal-obbligi taħt l-Artikoli 33(1) u 33(5) tal-GDPR huma tali li l-konformità hija ċentrali għall-funzjonament ġenerali tar-reġim ta' superviżjoni u infurzar imwettaq mill-awtoritajiet superviżorji fir-rigward kemm tal-kwistjoni speċifika ta' ksur ta' *data* personali iżda wkoll l-identifikazzjoni u l-valutazzjoni ta' kwistjonijiet usa' ta' nuqqas ta' konformità mill-kontrolluri u li n-nuqqas ta' konformità ma' dawn l-obbligi għandu konsegwenzi serji fis-sens li jriskja li jdgħajjef l-eżerċizzju effettiv minn SAs tal-funzjonijiet tagħhom taħt il-GDPR¹⁵⁸.
152. Fir-rigward tal-**gravità tal-ksur** tal-Artikolu 33(1) tal-GDPR, l-Abbozz tad-Deċiżjoni qies kif indaħal fl-iskop ġenerali li jinnotifika ksur ta' *data* personali lill-awtorità superviżorja, tal-fatt li ma ntweriet l-ebda ħsara materjali lis-suġġetti tad-*data*, tal-fatt li miżuri ta' rimedju minn TIC kienu limitati għal azzjoni li tħares 'il quddiem biex tneħħi l-bug (u ma kinux jammontaw għal analiżi li tħares b'lura biex jiġu identifikati r-riskji għas-suġġetti tad-*data* li jirriżultaw mill-Ksur) u n-nuqqas apparenti ta' TIC li jwettaq kwalunkwe valutazzjoni formali tar-riskju¹⁵⁹. L-Abbozz ta' Deċiżjoni ma kkunsidrax l-argument ta' TIC li l-Ksur kien dovut għal falliment iżolat (li wassal għad-dewmien fin-notifika lid-DPO) li kien ta' piż suffiċjenti biex inaqqas il-gravità tal-ksur (iżda qieset in-natura iżolata ta' tali inċident, li jitbiegħed mill-veduta proviżorja fl-Abbozz Preliminari li l-Ksur kien indikattiv ta' kwistjoni usa' u aktar sistematika)¹⁶⁰. Dwar il-gravità tal-ksur tal-Artikolu 33(5) tal-GDPR, l-Abbozz tad-Deċiżjoni enfasizza li hija meħtieġa dokumentazzjoni xierqa tal-ksur sabiex tippermetti lil awtorità superviżorja li tivverifika l-konformità tal-kontrollur mal-Artikolu 33 tal-GDPR¹⁶¹ u li l-IE SA kienet meħtieġa tqajjem bosta mistoqsijiet sabiex tikseb ċarezza dwar il-fatti li jdawru n-notifika tal-Ksur¹⁶², iżda rrikonoxxa li n-nuqqasijiet fid-dokumentazzjoni rriżultaw minn nuqqas ta' ftehim in bona fede tar-rekwiżiti (li huma, madankollu, ċari mill-kliem tad-dispożizzjoni)¹⁶³. L-Abbozz tad-Deċiżjoni kkonkluda li kull ksur kien fit-*"tarf baxx sa moderat tal-iskala tal-gravità"*¹⁶⁴.
153. Fir-rigward tat-**tul tal-ksur** tal-Artikolu 33(1) tal-GDPR, l-Abbozz tad-Deċiżjoni qies li kien perjodu ta' jumejn u evalwah fid-dawl tal-qafas ta' żmien ġenerali ġeneralment permess għan-notifiki ta' ksur (72 siegħa), waqt li nnota li ma kienx wieħed trivjali jew inkonsistenti¹⁶⁵. Dwar it-tul tal-ksur tal-Artikolu 33(5) tal-GDPR, l-Abbozz tad-Deċiżjoni kkonkluda li kien għadu għaddej¹⁶⁶.
154. Fir-rigward ta' **Artikolu 83(2)(b) tal-GDPR** (il-karattru intenzjonali jew negliġenti tal-ksur), l-IE SA kkonkludiet fl-Abbozz tad-Deċiżjoni tagħha li kien hemm **karattru negliġenti** għall-ksur ta' TIC tal-Artikolu 33(1) tal-GDPR¹⁶⁷, li tiddeskrivi li d-dewmien fin-notifika tad-DPO Globali seħħ minħabba li parti mill-protokoll intern tal-Grupp Twitter ma tlestiex kif preskritt u l-protokoll ma kienx ċar daqs kemm seta' kien¹⁶⁸. Dan wassal għall-konklużjoni li d-dewmien sar bħala riżultat ta' negliġenza min-

¹⁵⁷ Abbozz tad-Deċiżjoni, paragrafu 14.6.

¹⁵⁸ Abbozz tad-Deċiżjoni, paragrafu 14.11.

¹⁵⁹ Abbozz tad-Deċiżjoni, paragrafi 14.16-14.18.

¹⁶⁰ Abbozz tad-Deċiżjoni, paragrafu 14.19.

¹⁶¹ Abbozz tad-Deċiżjoni, paragrafu 14.20.

¹⁶² Abbozz tad-Deċiżjoni, paragrafu 14.21.

¹⁶³ Abbozz tad-Deċiżjoni, paragrafu 14.24.

¹⁶⁴ Abbozz tad-Deċiżjoni, paragrafu 14.24.

¹⁶⁵ Abbozz tad-Deċiżjoni, paragrafu 14.26 (beda mal-iskadenza tat-72 siegħa mit-3 ta' Jannar 2019 (jiġifieri fis-6 ta' Jannar 2019) u ntemm fil-ħin tan-notifika ta' TIC tal-Ksur fit-8 ta' Jannar 2019).

¹⁶⁶ Abbozz tad-Deċiżjoni, paragrafu 14.29.

¹⁶⁷ Abbozz tad-Deċiżjoni, paragrafu 14.34.

¹⁶⁸ Abbozz tad-Deċiżjoni, paragrafi 14.33-14.34.

naħa tal-kontrollur, iżda s-sottomissjoni ta' TIC li n-notifika mdewma ma kinitx indikattiva ta' kwistjoni sistemika usa' u kienet tammonta għal okkorrenza iżolata għet aċċettata¹⁶⁹. L-IE SA ma identifika l-ebda evidenza ta' kondotta intenzjonali fir-rigward tal-ksur tal-Artikolu 33(1) tal-GDPR¹⁷⁰. L-Abbozz tad-Deċiżjoni identifika wkoll li kien hemm karattru negliġenti għall-ksur ta' TIC tal-Artikolu 33(5) tal-GDPR¹⁷¹, peress li ma kien hemm l-ebda għarfien u rieda li jikkawża l-ksur (li kien ikun jammonta għal intenzjoni) iżda d-dokumentazzjoni ma kinitx biżżejjed biex tippermetti li tiġi vverifikata l-konformità mal-Artikolu 33¹⁷².

155. Fir-rigward tal-**Artikolu 83(2)(c) tal-GDPR**, jiġifieri azzjoni meħuda mill-kontrollur sabiex **itaffi l-ħsara mġarrba mis-suġġetti tad-data**, l-Abbozz tad-Deċiżjoni qies li ttieħdu miżuri ta' rimedju biex tiġi evitata r-ripetizzjoni tal-kwistjoni u biex jiġi rettifikat l-bug, li kienu kkunsidrati bħala l-uniku fattur ta' mitigazzjoni fil-valutazzjoni tal-ammont tal-multa li għandha tiġi imposta¹⁷³.
156. L-Abbozz tad-Deċiżjoni kkunsidra l-**Artikolu 83(2)(d) tal-GDPR**, jiġifieri l-**grad ta' responsabbiltà** għall-kontrollur jew il-proċessur, billi nnota l-miżuri tekniċi u organizzattivi eżistenti u sussegwentement imtejba implimentati minn TIC bħala kontrollur, inkluża l-emenda tal-protokoll intern tal-Grupp Twitter (li l-IE SA sabet li ma kinitx ċara daqs kemm setgħet kienet) u l-miżuri ta' taħriġ tal-persunal meħuda wara minn Twitter, Inc. (taħriġ addizzjonali ġie provdut internament li jenfasizza l-importanza li jissemma' t-tim DPO - u għalhekk TIC bħala kontrollur - fis-sistema tal-biljetti interni), kif ukoll l-eżistenza ta' strutturi interni u salvagwardji dwar ir-responsabbiltà għal kwistjonijiet ta' sigurtà tal-informazzjoni u l-eżistenza ta' verifika esterna rikorrenti ta' esperti terzi tal-Programm ta' Sigurtà tal-Informazzjoni ta' Twitter, Inc.¹⁷⁴. Għalkemm il-kwistjonijiet li qamu ma nstabux li kienu indikattivi ta' kwistjoni sistemika usa'¹⁷⁵ u TIC uriet approċċ ġeneralment responsabbli u kontabbli lejn is-sigurtà tad-*data*¹⁷⁶, kien ikkunsidrat li kien hemm livell ta' responsabbiltà moderat sa għoli muri mill-kontrollur peress li n-nuqqas ta' ċarezza fil-protokoll intwera wkoll bl-emenda sussegwenti tiegħu¹⁷⁷.
157. Il grad ta' kooperazzjoni mal-awtorità superviżorja ġie evalwat, f'konformità mal-**Artikolu 83(2)(f)GDPR**, u nstab li ma jammontax għal fattur mitiganti¹⁷⁸. L-IE SA rrikonoxxiet li TIC ikkooperat bis-sħiħ iżda nnutat li dan kien obbligu statutorju u TIC ma marritx lil hinn minn tali obbligu¹⁷⁹.
158. Fir-rigward tal-**Artikolu 83(2)(g) tal-GDPR** dwar il-**kategoriji ta' data personali affettwata**, l-Abbozz tad-Deċiżjoni kkonkluda li kwalunkwe kategorija ta' *data* personali setgħet għet affettwata min-notifika mdewma u li ma jistax jingħad definittivament li ma kien hemm l-ebda ħsara lis-suġġetti tad-*data* jew l-ebda kategoriji affettwati ta' *data* personali¹⁸⁰.
159. Il-**mod li bih sar magħruf il-ksur** lill-IE SA kien ikkunsidrat bħala fattur rilevanti fid-determinazzjoni tal-ammont tal-multa (f'konformità mal-Artikolu 83(2)(h) tal-GDPR), billi filwaqt li TIC kienet fuq quddiem biex tipprovdi d-dokumentazzjoni kollha disponibbli, ir-rekords ma ppermettewx lill-IE SA biex

¹⁶⁹ Abbozz tad-Deċiżjoni, paragrafu 14.34.

¹⁷⁰ Abbozz tad-Deċiżjoni, paragrafu 14.35.

¹⁷¹ Abbozz tad-Deċiżjoni, paragrafu 14.38.

¹⁷² Abbozz tad-Deċiżjoni, paragrafi 14.36, 14.38.

¹⁷³ Abbozz tad-Deċiżjoni, paragrafi 14.39-14.42.

¹⁷⁴ Abbozz tad-Deċiżjoni, paragrafi 14.43-14.47.

¹⁷⁵ Abbozz tad-Deċiżjoni, paragrafu 14.45.

¹⁷⁶ Abbozz tad-Deċiżjoni, paragrafu 14.47.

¹⁷⁷ Abbozz tad-Deċiżjoni, paragrafu 14.47.

¹⁷⁸ Abbozz tad-Deċiżjoni, paragrafu 14.50.

¹⁷⁹ Abbozz tad-Deċiżjoni, paragrafu 14.49.

¹⁸⁰ Abbozz tad-Deċiżjoni, paragrafu 14.54.

tivverifika l-konformità mal-Artikolu 33 tal-GDPR u l-informazzjoni provduta oriġinarjament fin-notifika magħmula lill-IE SA kienet ta' natura mhux preċiża¹⁸¹.

160. Il-kriterji fl-**Artikolu 83(2)(e), (i) u (j) tal-GDPR** instabu li ma kinux applikabbli, u ma ġew identifikati l-ebda elementi oħra fir-rigward tal-**Artikolu 83(2)(k) tal-GDPR**¹⁸².
161. L-IE SA enfasizzat fl-Abbozz tad-Deċiżjoni tagħha li fin-nuqqas ta' linji gwida speċifiċi fil-livell tal-UE dwar il-kalkolu tal-multi, ma kinitx marbuta li tapplika xi metodoloġija partikolari jew tuża punt ta' tluq finanzjarju fiss¹⁸³ u li l-espressjoni "konsiderazzjoni dovuta" tipprovdi lill-SAs b'diskrezzjoni wiesgħa dwar kif jintiżnu l-fatturi fl-Artikolu 83(2) tal-GDPR¹⁸⁴.
162. Fir-rigward tal-identifikazzjoni tal-impriża rilevanti biex tikkalkula l-limitu massimu stabbilit minn **Artikolu 83(4) tal-GDPR**, l-IE SA enfasizzat li l-fatt li TIC tgawdi awtonomija fil-kontroll tagħha fuq l-ipproċessar tad-*data* ma jfissirx li ma tibqax parti minn **entità ekonomika waħda** mal-impriża omm tagħha u nnutat li, minbarra s-sjieda ta' TIC minn Twitter, Inc., l-Avukat Ġenerali ta' Twitter, Inc. jidher li huwa wieħed mit-tliet diretturi ta' TIC¹⁸⁵.
163. Għal dawn ir-raġunijiet, il-limitu għall-valur ta' kwalunkwe multa imposta ġie kkalkulat mill-LSA b'referenza għad-dħul ta' Twitter, Inc.¹⁸⁶. Peress li d-dħul annwali ta' Twitter, Inc., fl-2018, ammonta għal 3 biljun USD, il-limitu kien ikkunsidrat bħala 60 miljun USD (2% ta' 3 biljun USD)¹⁸⁷.
164. Fl-applikazzjoni tal-prinċipji ta' **effettività, proporzjonalità u dissważività (Artikolu 83(1) tal-GDPR)**, l-Abbozz tad-Deċiżjoni qies li multa ma tistax tkun effettiva jekk ma jkollhiex sinifikat relattiv għad-dħul tal-kontrollur, li l-ksur jeħtieġ li ma jiġix ikkunsidrat b'mod astratt, irrispettivament mill-impatt fuq il-kontrollur, u li ksur futur għandu jiġi skoragġut¹⁸⁸.
165. L-IE SA pproponiet li timponi multa amministrattiva fil-medda ta' 150,000-300,000 USD, jiġifieri bejn 0.005% u 0.01% tad-dħul annwali tal-impriża jew bejn 0.25% u 0.5% tal-ammont massimu tal-multa li jista' jiġi applikat fir-rigward ta' dan il-ksur. Dan huwa ekwivalenti għal multa f'Euro ta' bejn 135,000 u 275,000¹⁸⁹.

8.2 Taqsira tal-oġġezzjonijiet imqajma mis-CSAs

166. L-AT SA qajmet oġġezzjoni dwar l-ammont tal-multa proposta u l-fatt li l-LSA pproponiet firxa ta' ammonti minflok somma fissa. Fir-rigward tal-Artikolu 83(2)(a) tal-GDPR, l-AT SA enfasizzat li mill-inqas 88,726 persuna (iżda probabbilment aktar) kienu affettwati mill-ksur u "*huwa probabbli ħafna li data sensittiva ġiet żvelata lill-pubbliku usa*".

¹⁸¹ Abbozz tad-Deċiżjoni, paragrafu 14.58.

¹⁸² Abbozz tad-Deċiżjoni, paragrafi 14.48, 14.59, 14.60, 14.61.

¹⁸³ Abbozz tad-Deċiżjoni, paragrafu 15.2.

¹⁸⁴ Abbozz tad-Deċiżjoni, paragrafu 15.1.

¹⁸⁵ Abbozz tad-Deċiżjoni, paragrafu 15.13.

¹⁸⁶ Abbozz tad-Deċiżjoni, paragrafu 15.14.

¹⁸⁷ Abbozz tad-Deċiżjoni, paragrafu 15.19.

¹⁸⁸ Abbozz tad-Deċiżjoni, paragrafu 15.18.

¹⁸⁹ Abbozz tad-Deċiżjoni, paragrafu 15.20 (L-oġhla tarf tal-firxa proposta fl-Abbozz tad-Deċiżjoni huwa inqas minn dak fl-Abbozz tad-Deċiżjoni Preliminari, sabiex jirrifletti bidliet fil-fehmiet fir-rigward tal-gravità, il-grad ta' responsabbiltà tal-kontrollur u jekk il-ksur kienx sistematiku). Fil-paragrafu 15.21, l-Abbozz tad-Deċiżjoni enfasizza li sabiex jiġu protetti d-drittijiet proċedurali ta' TIC ġiet proposta firxa ta' multa għall-kuntrarju ta' figura fissa, u rrikonoxxiet il-possibbiltà li CSAs jikkumentaw dwar fejn f'dik il-firxa għandha tkun il-penali.

167. L-oġġezzjoni mqajma mill-AT SA esprimiet nuqqas ta' qbil dwar kif iż-żmien li fih il-kontrollur għandu jittqies li jkun konxju ta' ksur tad-data ġiet analizzata fl-Abbozz tad-Deċiżjoni. B'mod aktar speċifiku, l-AT SA argumentat fl-oġġezzjoni tagħha li TIC kellha tagħmel notifika ta' ksur tad-data fi żmien 72 siegħa wara li l-proċessur irċieva r-rapport tal-bug u b'hekk sar jaf bil-ksur. L-AT SA enfasizzat li TIC hija responsabbli biex tissorvelja l-operazzjonijiet ta' proċessar imwettqa mill-proċessur tagħha, u li kontrollur m'għandux ifittex li jaħbi l-falliment tal-proċessur tiegħu li miegħu għandu relazzjoni kuntrattwali u li kien magħżul mill-kontrollur innifsu. Dan jikkontribwixxi għall-valutazzjoni tal-ksur tal-Artikolu 33(1) tal-GDPR mill-AT SA bħala "gravi".
168. Fir-rigward tal-*"karattru intenzjonali jew negliġenti tal-ksur"* (Artikolu 83(2)(b) tal-GDPR), l-AT SA argumentat li l-imġiba ta' TIC għandha tkun ittikkettata bħala *"intenzjonata"*, fuq il-bażi tal-kriterji ta' għarfien u dgħufija stabbiliti fil-Linji Gwida dwar l-applikazzjoni u l-issettjar ta' multi amministrattivi ("WP253") tal-Grupp ta' Hídma tal-Artikolu 29, approvati mill-EDPB¹⁹⁰. Fir-rigward tal-kriterju li jirreferi għal *azzjonijiet meħuda biex itaffu l-ħsara* li sofrew is-suġġetti tad-data (l-Artikolu 83(2)(c) tal-GDPR), l-AT SA enfasizzat li *"inizjalment ma kinitx l-intenzjoni ta' TIC li tinnotifika lill-utenti li kienu affettwati mill-ksur"* u *"il-passi meħuda minn Twitter Inc. biex jirranġaw il-bug huma l-uniku fattur mitiganti"*. Fl-aħħar nett, l-AT SA tikkunsidra l-firxa tal-multa proposta mill-IE SA la effettiva, lanqas proporzjonata, u lanqas dissważiva wara li kkunsidrat il-kriterji elenkati fl-Artikolu 83(2)(a) - (k) tal-GDPR. Bħala konklużjoni, l-AT SA pproponiet l-impożizzjoni ta' multa amministrattiva oġġla, li tista' tissodisfa r-rekwiżit ta' effettività, proporzjonalità u dissważività (jiġifieri *"ammont minimu ta' 1% tal-fatturat annwali tal-impriża"*).
169. Id-DE SA qajmet oġġezzjoni billi argumentat li l-multa proposta mill-LSA hija "baxxa wisq" u "ma tikkonformax mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 83(1) tal-GDPR". B'mod aktar speċifiku, id-DE SA argumentat li l-multa mhix dissważiva. L-oġġezzjoni fakkret li sanzjoni tista' titqies effettiva u dissważiva jekk tkun xierqa kemm bħala miżura preventiva ġenerali - biex tiskoraġġixxi lill-pubbliku ġenerali milli jwettaq ksur u biex tafferma l-fiduċja tal-pubbliku ġenerali fil-validità tal-liġi tal-Unjoni - kif ukoll bħala miżura preventiva speċjali - biex tiskoraġġixxi lil min wettaq ir-reat milli jwettaq aktar ksur. Id-DE SA tkompli targumenta li l-kapaċità finanzjarja ta' impriża (f'termini ta' dħul) tista' tipprovdi indikazzjoni importanti tal-ammonti meħtieġa biex tinkiseb dissważjoni: dan jista' jinvolvi li titqies il-parti tad-dħul iġġenerat mill-prodotti fir-rigward li tiegħu sar il-ksur, li jista' jipprovdi indikazzjoni tal-iskala tal-ksur. Id-DE SA targumenta wkoll li l-effett dissważiv ta' multi għoljin jista' jinkiseb biss jekk l-ammonti imposti ma jstgħux jitħallsu faċilment minħabba assi kbar jew dħul għoli, u tenfasizza li l-multa għandu jkollha effett dissważiv, b'mod partikolari fir-rigward tal-ipproċessar tad-data speċifiku. Bħala konsegwenza, il-multa mhedda għandha tkun għolja biżżejjed biex tagħmel l-ipproċessar tad-data mhux ekonomiku u oġġettivament ineffiċjenti. Billi l-mudell tan-negozju ta' Twitter huwa bbażat fuq l-ipproċessar tad-data, u billi Twitter tiġġenera dħul prinċipalment permezz tal-ipproċessar tad-data, id-DE SA tikkunsidra li multa dissważiva f'dan il-każ speċifiku għandha għalhekk tkun tant għolja li tirrendi l-ipproċessar illegali tad-data mhux ta' profitt. Fuq il-bażi tal-kunċett tal-multa applikabbli għad-DE SAs, il-multa għall-ksur deskritta fl-Abbozz tad-Deċiżjoni tvarja minn madwar EUR 7,348,035.00 għal EUR 22,044,105.00.
170. L-HU SA sostniet li, għalkemm *"multi huma ġustifikati għall-ksur imwettaq"*, *"il-multa stabbilita fl-abbozz hija irraġonevolment baxxa, sproporzjonata u għalhekk mhix dissważiva fid-dawl tal-gravità tal-ksur imwettaq u l-qawwa tas-suq dinji tal-Kontrollur"*.

¹⁹⁰ https://ec.europa.eu/newsroom/article29/item-detail.cfm?item_id=611237.

171. L-IT SA talab lill-LSA biex *"tirrevedi l-abbozz tad-deċiżjoni bħala relatat ukoll mal-kwantifikazzjoni tal-multa amministrattiva, filwaqt li tqis ukoll l-elementi aggravanti speċifiċi tal-każ fir-rigward tan-natura tal-kontrollur tad-data u s-severità u t-tul tal-ksur tad-data"*.

8.3 Pożizzjoni tal-LSA dwar l-oġġezzjonijiet

172. L-IE SA vvalutat li l-oġġezzjonijiet imqajma mill-AT SA, DE SA u HU SA fir-rigward tal-multa amministrattiva huma "rilevanti u raġunati" fis-sens tal-Artikolu 4(24) tal-GDPR. Fl-istess ħin, L-IE SA ma segwietx dawn l-oġġezzjonijiet għar-raġunijiet stabbiliti fil-Memorandum Kompost¹⁹¹.

173. B'mod partikolari, fir-rigward tal-oġġezzjonijiet tal-AT u DE SA, L-IE SA tikkunsidra li l-valutazzjoni u l-applikazzjoni tagħha tal-fatturi fl-Artikoli 83(2)(a) u (b) tal-GDPR, kif elaborati fl-Abbozz tad-Deċiżjoni tagħha, huma xierqa. Rigward l-oġġezzjoni tal-AT SA, L-IE SA targumenta li l-ksur ta' TIC tal-Artikolu 33(1) u l-Artikolu 33(5) tal-GDPR kien ir-riżultat tan-negliġenża ta' TIC aktar milli ta' ommissjoni intenzjonata¹⁹². Għalhekk, L-IE SA temmen li l-multa kif proposta mill-AT SA mhijiex proporzjonata¹⁹³. Barra minn hekk, L-IE SA targumenta li t-tħassib tal-AT SA rigward il-firxa tal-multa proposta fl-Abbozz tad-Deċiżjoni, għall-kuntrarju ta' somma fissa, ma kienx elaborat u ċċarat sew minn din is-CSA¹⁹⁴. Fir-rigward tal-oġġezzjoni tad-DE SA, L-IE SA ħadet nota tal-oġġezzjoni tad-DE SA rigward il-ħtieġa li l-multa tissodisfa r-rekwiżit ta' dissważjoni, iżda hija tal-opinjoni li l-livell tal-multa propost mid-DE SA huwa mhux proporzjonat f'dan il-każ¹⁹⁵. Għar-raġunijiet imsemmija hawn fuq, L-IE SA tqis li dawn l-oġġezzjonijiet huma raġunati u rilevanti, iżda tipproponi li ma ssegwixhom¹⁹⁶.

174. L-IE SA ħadet kont dovut tal-fehma tal-AT SA fir-rigward tal-ħin tal-għarfien u n-notifika ta' TIC dwar il-Ksur iżda kkonkludiet li minkejja l-'għarfien' attwali ta' TIC tal-Ksur fis-7 ta' Jannar 2019, TIC kellha tkun konxja tal-Ksur mhux aktar tard mit-3 ta' Jannar 2019¹⁹⁷. Fl-identifikazzjoni tat-3 ta' Jannar 2019 bħala d-data li fiha TIC kellha tkun taf bil-ksur, L-IE SA qieset li kien inħoloq dewmien aktar kmieni matul il-perjodu minn meta l-inċident ġie nnotifikat għall-ewwel darba mill-kuntrattur lil Twitter, Inc. sa meta Twitter, Inc. bdiet ir-reviżjoni tagħha¹⁹⁸. Barra minn hekk, L-IE SA tiċċara li mhix qed tissuġġerixxi li, *"bħala kwistjoni ta' ġeneralità, il-kontrolluri tad-data għandhom awtomatikament jiġu kkunsidrati li għandhom għarfien dwar ksur tad-data fl-istess ħin li fih il-proċessur tagħhom isir konxju tal-ksur"*¹⁹⁹. Ukoll, L-IE SA tiddikjara li *"dan ġeneralment ikun il-każ li proċessur li jesperjenza ksur ikun konxju mill-inċident f'punt aktar kmieni mill-kontrollur tiegħu, u li, sakemm il-proċess miftiehem bejn il-kontrollur u l-proċessur ikun effettiv u/jew jiġi segwit, il-kontrollur għandu jkun magħmul 'konxju' tal-ksur [...] b'mod li jippermettilu jikkonforma mal-obbligu tiegħu li jinnotifikah"*²⁰⁰.

¹⁹¹ Memorandum Kompost, paragrafi 5.60-5.72.

¹⁹² Memorandum Kompost, paragrafu 5.62.

¹⁹³ Memorandum Kompost, paragrafu 5.63.

¹⁹⁴ Memorandum Kompost, paragrafu 5.64.

¹⁹⁵ Memorandum Kompost, paragrafu 5.68.

¹⁹⁶ Memorandum Kompost, paragrafi 5.65, 5.68.

¹⁹⁷ Memorandum Kompost, paragrafu 5.48.

¹⁹⁸ Memorandum Kompost, paragrafu 5.50.

¹⁹⁹ Memorandum Kompost, paragrafu 5.50.

²⁰⁰ Memorandum Kompost, paragrafu 5.50.

8.4 Analiżi tal-EDPB

8.4.1 Valutazzjoni ta' jekk l-oġġezzjonijiet kinux rilevanti u raġunati

175. Dwar il-possibbiltà għal oġġezzjonijiet rilevanti u raġunati dwar jekk l-azzjoni prevista fir-rigward tal-kontrollur jew il-proċessur tikkonformax mal-GDPR²⁰¹ biex jikkontesta l-ammont tal-multi proposti, l-EDPB reċentement iċċara li "*huwa possibbli li l-oġġezzjoni tikkontesta l-elementi invokati biex tikkalkula l-ammont tal-multi*"²⁰². Dan jista' jammonta għal eżempju ta' oġġezzjoni dwar jekk l-azzjoni prevista fir-rigward tal-kontrollur jew il-proċessur tikkonformax mal-GDPR.
176. Fil-każ in kwistjoni, l-oġġezzjoni tal-**AT SA** tikkontesta l-elementi invokati mill-IE SA fil-kalkolu tal-ammont tal-multi u għalhekk tikkonċerna l-konformità tal-azzjoni proposta fil-konfront tal-kontrollur mal-GDPR. L-AT SA ċċarat il-konnessjoni bejn l-oġġezzjoni tagħha u l-Abbozz tad-Deċiżjoni u wriet kif il-bidliet proposti jwasslu għal konklużjoni differenti. Barra minn hekk, iprovdiet argumenti dwar għaliex l-emenda tad-deċiżjoni hija proposta, billi pprovdiet interpretazzjoni alternattiva ta' tlieta mill-kriterji elenkati mill-Artikolu 83 tal-GDPR u billi għamlet referenza għal argumenti fattwali u legali. L-AT SA turi b'mod ċar is-sinifikat tar-riskji ma'fluqa mill-Abbozz tad-Deċiżjoni, l-ewwel nett, billi targumenta li l-multi proposta mhix effettiva u dissważiva b'mod adegwat u billi tfakkar li għal dan il-għan hemm bżonn li tiskoraġġixxi lill-pubbliku ġenerali milli tikkommetti ksur simili u tikkonferma l-fiduċja tal-pubbliku fl-applikazzjoni tal-liġi tal-Unjoni, kif ukoll biex tiskoraġġixxi lill-kontrollur milli jwettaq aktar ksur. Barra minn hekk, fil-valutazzjoni tal-gravità tal-ksur l-oġġezzjoni tirreferi wkoll għal kemm is-suġġetti tad-*data* (f'numru li x'aktarx ikun oġġha minn dak identifikat) ġew affettwati mill-Ksur (eż. billi kellhom it-tweets protetti ta' qabel tagħhom, li x'aktarx jinkludu *data* sensittiva, esposta għall-pubbliku usa'). L-allegata intenzjonalità tal-ksur, skont l-AT SA, timplika impatt ferm akbar fuq il-kapaċità li tkun taf it-tajjeb mill-ħażin minn ksur negliġenti. Fid-dawl tal-valutazzjoni ta' hawn fuq, l-EDPB jikkunsidra li l-oġġezzjoni tal-AT SA hija rilevanti u raġunata skont l-Artikolu 4(24) tal-GDPR. Bħala konsegwenza, l-EDPB se jivvaluta l-mertu tal-kwistjonijiet sostanzjali mqajma minn din l-oġġezzjoni (ara t-taqsim 8.4.2 hawn taħt).
177. L-oġġezzjoni tad-**DE SA** għandha tkun ikkunsidrata rilevanti wkoll minħabba li tikkonċerna l-konformità tal-azzjoni prevista mal-GDPR, billi tikkontesta l-elementi invokati biex tikkalkula l-ammont tal-multi. B'mod aktar speċifiku, hija targumenta li l-multi imposta mill-IE SA mhijiex dissważiva u għalhekk il-kalkolu mwettaq ma jikkonformax mal-Artikolu 83(1) tal-GDPR. Id-DE SA ċċarat li sanzjoni għandha titqies effettiva u dissważiva, meta sservi bħala miżura preventiva ġenerali biex tiskoraġġixxi lill-pubbliku ġenerali milli twettaq ksur kif ukoll biex tafferma l-fiduċja tagħha għall-validità tal-liġi tal-Unjoni, iżda wkoll meta tiskoraġġixxi il-ħati milli jwettaq ksur addizzjonali. Barra minn hekk, id-DE SA turi b'mod ċar is-sinifikat tar-riskji li l-Abbozz tad-Deċiżjoni joħloq għad-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġetti tad-*data* billi n-nuqqas li tiġi imposta sanzjoni dissważiva u effettiva jista' ma jkunx kapaċi jiskoraġġixxi lill-kontrollur milli jwettaq aktar ksur.
178. Argument ieħor iprovdut mid-DE SA biex juri s-sinifikat tar-riskji huwa li n-nuqqas li jiġi ttrattat b'mod xieraq il-Ksur jissuġġerixxi "żball sistemiku", li kieku kienet teħtieġ li tissottometti lill-kontrollur għal skrutinju aktar profond, lil hinn mill-inċident speċifiku wieħed. Id-DE SA fakkret ukoll li kien hemm numru kbir ta' persuni kkonċernati u l-perjodu ta' żmien kien daqstant sostanzjali u kkonkludiet li l-poteri korrettivi imposti fuq il-bażi tal-Artikolu 58(2) tal-GDPR jeħtieġ li jiġu eżaminati fid-dawl ta' dawn l-elementi. Biex jikkonkludi, l-EDPB jikkunsidra li l-oġġezzjoni tad-DE SA hija raġunata u rilevanti fi ħdan

²⁰¹ Il-GDPR, l-Artikolu 4(24).

²⁰² Linji Gwida dwar l-RRO, paragrafu 34.

id-definizzjoni tal-Artikolu 4(24) tal-GDPR. Bħala konsegwenza, l-EDPB se jivvaluta l-mertu tal-kwistjonijiet sostanzjali mqajma minn din l-oġġezzjoni (ara t-taqsima 8.4.2 hawn taħt).

179. L-oġġezzjoni tal-**HU SA** hija rilevanti minħabba li tikkonċerna wkoll il-konformità tal-azzjoni prevista mal-GDPR, billi tiddikkjara li l-multa proposta hija *“baxxa b’mod irraġonevoli, sproporzjonata u għalhekk mhux dissważiva”*. Madankollu, filwaqt li l-oġġezzjoni tirreferi għal *“il-“bug” fl-applikazzjoni tal-kontrollur matul is-snin”* u għan-*“natura serja tiegħu li taffettwa s-sigurtà tad-data”*, kif ukoll għall-*“gravità tal-ksur imwettaq”* u għall-*“qawwa tas-suq dinji tal-kontrollur”*, ma jurix b’mod ċar is-sinifikat tar-riskji għad-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġetti tad-data maħluqa mill-ammont tal-multa kif propost mill-IE SA. Bħala konsegwenza, l-EDPB jikkunsidra li din l-oġġezzjoni ma tissodisfax ir-rekwiżiti tal-Artikolu 4(24) tal-GDPR²⁰³.
180. Fl-aħħar, ir-rilevanza tal-oġġezzjoni mqajma mill-**IT SA** tintwera wkoll bir-referenza tagħha għal jekk l-azzjoni proposta tikkonformax mal-GDPR, peress li targumenta li l-IE SA għandha tirrevedi l-Abbozz tad-Deċiżjoni fir-rigward tal-kwantifikazzjoni tal-multa amministrattiva. Billi tirreferi għall-*“oġġezzjonijiet ta’ qabel”* u għalhekk għall-fatt li l-aspetti msemmija huma *“ta’ natura strutturali fir-rigward tal-organizzazzjoni tal-kontrollur”* u *“marbuta li tipproduċi effetti mhux sempliċement fuq il-każ inkwistjoni, iżda wkoll fuq kwalunkwe ksur tad-data li jista’ jseħħ fil-futur”*, l-oġġezzjoni tal-IT SA turi biċ-ċar is-sinifikat tar-riskji għad-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġetti tad-data fir-rigward tal-kwantifikazzjoni tal-multa.
181. Għalhekk, l-EDPB jikkunsidra li l-oġġezzjoni tal-IT SA hija raġunata u rilevanti fi ħdan id-definizzjoni tal-Artikolu 4(24) tal-GDPR. Bħala konsegwenza, l-EDPB se jivvaluta l-mertu tal-kwistjonijiet sostanzjali mqajma minn din l-oġġezzjoni.

8.4.2 Valutazzjoni tal-merti tal-kwistjoni(jiet) sostanzjali mqajma mill-oġġezzjonijiet rilevanti u ragonati

182. L-EDPB jikkunsidra li l-oġġezzjonijiet li nstabu li huma rilevanti u raġunati f’din is-subtaqsima²⁰⁴ jirrikjedju l-valutazzjoni ta’ jekk l-Abbozz tad-Deċiżjoni jipproponix multa f’konformità mal-kriterji stabbiliti mill-Artikolu 83 tal-GDPR u l-Linji Gwida tal-Grupp ta’ Ħidma tal-Artikolu 29 dwar l-applikazzjoni u l-iffissar ta’ multi amministrattivi għall-finijiet tar-Regolament 2016/679 (“WP253”) (approvat mill-EDPB)²⁰⁵.
183. Tabilħaqq, il-mekkaniżmu ta’ konsistenza jista’ jintuża wkoll biex jippromwovi applikazzjoni konsistenti ta’ multi amministrattivi²⁰⁶: fejn oġġezzjoni rilevanti u motivata tikkontesta l-elementi invokati mill-LSA biex tikkalkula l-ammont tal-multa, l-EDPB jista’ jagħti struzzjonijiet lil-LSA biex tagħmel kalkolu ġdid tal-multa proposta billi telimina n-nuqqasijiet fl-istabbiliment ta’ rabetiet kawżali bejn il-fatti inkwistjoni u l-mod kif ġiet ikkalkulata l-multa proposta fuq il-bażi tal-kriterji fl-Artikolu 83 tal-GDPR u tal-istandards komuni stabbiliti mill-EDPB²⁰⁷. Multa għandha tkun effettiva, proporzjonata jew dissważiva,

²⁰³ Bħala konsegwenza, l-EDPB ma jieħu l-ebda pożizzjoni dwar il-mertu ta’ kwalunkwe kwistjoni sostanzjali mqajma minn dawn l-oġġezzjonijiet. L-EDPB itenni li d-deċiżjoni kurrenti tiegħu hija mingħajr ebda preġudizzju għal kwalunkwe valutazzjoni li l-EDPB jista’ jintalab jagħmel f’każijiet oħra, inkluż bl-istess partijiet, waqt li jqis il-kontenut tal-abbozz ta’ deċiżjoni rilevanti u l-oġġezzjonijiet imqajma mis-CSAs.

²⁰⁴ Dawn l-oġġezzjonijiet huma daww tal-AT SA, DE SA u IT SA.

²⁰⁵ Linji Gwida tal-Grupp ta’ Ħidma tal-Artikolu 29 dwar l-applikazzjoni u l-iffissar ta’ multi amministrattivi għall-finijiet tar-Regolament 2016/679, WP253 adottat fit-3 ta’ Ottubru 2017 (approvat mill-EDPB fil-25 ta’ Mejju 2020).

²⁰⁶ GDPR, Premess 150.

²⁰⁷ Linji Gwida dwar l-RRO, paragrafu 34.

kif meħtieġ mill-Artikolu 83(1) tal-GDPR, u tqis il-fatti tal-każ²⁰⁸. Barra minn hekk, meta tiddeċiedi dwar l-ammont tal-multa l-LSA għandha tqis il-kriterji elenkati fl-Artikolu 83(2) tal-GDPR.

184. Fir-rigward tan-natura, il-gravità u t-tul tal-ksur misjub fl-Artikoli 33(1) u 33(5) tal-GDPR, **Artikolu 83(2)(a) tal-GDPR** jeħtieġ li tieħu in konsiderazzjoni *inter alia* n-natura, l-ambitu u l-iskop tal-**ipproċessar ikkonċernat** kif ukoll in-numru ta' **suġġetti tad-*data* affettwati** u il-livell ta' **ħsara** sofrut minnhom.
185. L-EDPB jaqbel mal-IE SA li l-ksur li għandu jiġi kkunsidrat mhuwiex il-ksur per se iżda l-konformità mal-Artikoli 33(1) u 33(5) tal-GDPR biex tinnotifika dak il-ksur lill-SA kompetenti u biex tiddokumenta dak il-ksur.
186. L-EDPB jinnota li l-IE SA tqis in-natura tal-**ipproċessar** kif ukoll in-numru ta' **suġġetti tad-*data* affettwati**. Fir-rigward tan-**natura tal-*ipproċessar***, l-IE SA tiddekriviha bħala "mikroblogging" u pjattaforma tal-midja soċjali li fuqha l-utenti għandhom l-opportunità li jiddokumentaw il-ħsibijiet tagħhom fi "tweets". L-EDPB jikkunsidra li meta jivvaluta n-natura tal-**ipproċessar**, wieħed irid iqis ukoll il-fatt li l-**"ipproċessar ikkonċernat"** kien jinvolvi komunikazzjonijiet minn suġġetti tad-*data* li deliberatament għażlu li jirrestrinġu l-udjenza ta' dawk il-komunikazzjonijiet. L-EDPB jieħu nota li l-Abbozz tad-Deċiżjoni tal-IE SA qies li: *"l-impatt fuq l-utenti individwali, u l-possibbiltà ta' ħsara li tirriżulta minnha, se jiddependu fuq il-livell ta' data personali magħmula pubblika u, ukoll, in-natura ta' dik id-data personali. F'dan ir-rigward, indikajt fl-Abbozz Preliminari kienet li filwaqt li TIC ma kkonfermatx in-natura preċiża tad-*data* magħmula pubblika fil-ksur, kien raġonevoli li jiġi dedott li, minħabba l-iskala tal-utenti affettwati u n-natura tas-servizz offrut minn TIC, ftit mid-*data* personali rrilaxxata fir-rigward għal, għall-inqas, xi wħud mill-utenti kienet tiknudi kategoriji sensitivi ta' data u materjal ieħor partikolarment privat"*²⁰⁹. Madankollu, l-IE SA, ibbażata fuq is-sottomissjonijiet ta' TIC, tat inqas piż lil dan il-fattur milli għamlet fl-Abbozz Preliminari, peress li ma kien hemm l-ebda evidenza diretta ta' ħsara²¹⁰. L-EDPB jikkunsidra, madankollu, li l-IE SA xorta kellha tagħti piż sinifikanti lill-fatt li l-**"ipproċessar ikkonċernat"** jinvolvi komunikazzjonijiet minn suġġetti tad-*data* li deliberatament għażlu li jirrestrinġu l-udjenza ta' dawk il-komunikazzjonijiet, meta jevalwaw in-natura tal-**ipproċessar ikkonċernat**. B'mod partikolari, l-IE SA kellha tagħti piż sinifikanti lil dan il-fatt minħabba li ġie mfakkar mill-IE SA fl-Abbozz tad-Deċiżjoni, fejn l-IE SA qieset li *"l-iskala l-kbira tas-segment tal-utenti affettwati tagħti lok għall-possibbiltà ta' spettru ħafna usa' ta' ħsara li tirriżulta mill-ksur, partikolarment minħabba n-natura tas-servizz offrut minn TIC"* u *"il-probabbiltà li ħafna utenti jkun qaqgħdu fuq il-funzjoni li jżommu "tweets" privati biex jaqsmu informazzjoni jew fehmi (fil-kumdità ta' dak li jemmnu li huwa ambjent privat u kkontrollat) li huma normalment ma jirrilaxxawx fid-dominju pubbliku"*²¹¹.
187. Barra minn hekk, meta tiġi għall-ambitu tal-**ipproċessar ikkonċernat** bħala tali, l-IE SA tidher li tissostitwixxi l-ambitu tal-**ipproċessar** bin-numru tas-**suġġetti tad-*data* affettwati**. L-EDPB jikkunsidra li n-**natura u l-ambitu tal-*ipproċessar*** li għandhom jitqiesu fid-determinazzjoni tal-multa mhix l-operazzjoni ta' **ipproċessar** li tikkonsisti fl-iżvelar (aċċidentali) (ksur ta' *data* personali), jew il-kawża tiegħu, iżda pjuttost l-iskop tal-**ipproċessar** sottostanti mwettaq minn TIC, kif deskritt fil-paragrafu preċedenti.
188. Skont l-AT SA, **iż-żmien meta l-kontrollur sar jaf bil-ksur jagħmel impatt fuq il-gravità tal-ksur** tal-Artikolu 33(1) tal-GDPR. L-oġġezzjoni mqajma mill-AT SA esprimiet nuqqas ta' qbil dwar kif iż-żmien li fih il-kontrollur għandu jitqies li jkun konxju ta' ksur tad-*data* għandu jiġi determinat jew valutat. B'mod

²⁰⁸ Linji Gwida tal-EDPB dwar multi amministrativi, p. 7.

²⁰⁹ Abbozz tad-Deċiżjoni, paragrafu 14.51.

²¹⁰ Ara paragrafu 150 hawn fuq.

²¹¹ Abbozz tad-Deċiżjoni, paragrafu 14.51.

aktar speċifiku, l-AT SA argumentat fl-oġġezzjoni tagħha li TIC kellha tagħmel notifika ta' ksur tad-*data* fi żmien 72 siegħa wara li l-proċessur sar jaf bil-ksur. Dan jikkontribwixxi għall-valutazzjoni tal-ksur tal-Artikolu 33(1) tal-GDPR mill-AT SA bħala "gravi".

189. F'dan ir-rigward, l-EDPB ifakkar li l-Linji Gwida dwar in-notifika ta' ksur ta' *data* personali skont ir-Regolament 2016/679 ("WP250")²¹², li ġew approvati mill-EDPB, jiddikjaraw li l-*"fokus ta' kwalunkwe pjan ta' rispons għall-ksur għandu jkun fuq il-protezzjoni tal-individwi u d-data personali tagħhom. Konsegwentement, in-notifika ta' ksur għandha titqies bħala għodda li ttejjeb il-konformità fir-rigward tal-protezzjoni ta' data personali"*²¹³.
190. Skont il-Linji Gwida dwar in-notifika ta' ksur ta' *data* personali, kontrollur għandu jitqies bħala li sar "konxju" meta dak il-kontrollur għandu grad raġonevoli ta' ċertezza li seħħ inċident tas-sigurtà li wassal biex id-*data* personali tkun kompromessa²¹⁴. Peress li l-kontrollur juża l-proċessur biex jilħaq l-iskopijiet tiegħu, fil-prinċipju, il-kontrollur għandu jitqies bħala "konxju" ladarba l-proċessur ikun avżah bil-ksur²¹⁵. Madankollu, il-GDPR ipoġġi obbligu fuq il-kontrollur biex jiżgura li huma jkunu "konxji" ta' kwalunkwe ksur fil-ħin sabiex ikunu jistgħu jieħdu azzjoni xierqa²¹⁶ u spjega li *"il-kontrollur jista' jwettaq perjodu qasir ta' investigazzjoni sabiex jiġi stabbilit jekk fil-fatt seħħx ksur jew le. Matul dan il-perjodu ta' investigazzjoni l-kontrollur jista' ma jitqiesx bħala "konxju"*²¹⁷. Madankollu, il-Linji Gwida jiċċaraw li din l-investigazzjoni inizjali għandha tibda malajr kemm jista' jkun u li mbagħad tista' ssegwi investigazzjoni aktar dettaljata²¹⁸.
191. Il-Linji Gwida għalhekk jagħmluha ċara li l-kontrollur, u b'estensjoni, il-proċessur, għandhom jaġixxu malajr. "F'ħafna każijiet dawn l-azzjonijiet preliminari għandhom jitlestew ftit wara t-twissija inizjali (jiġifieri meta l-kontrollur jew il-proċessur jissuspetta li kien hemm aċċident ta' sigurtà li jista' jinvolvi *data* personali) - għandu jieħu aktar żmien minn dan f'każijiet eċċezzjonali biss"²¹⁹.
192. Wara li kkunsidrat dan ta' hawn fuq, l-EDPB jaqbel mal-pożizzjoni tal-valutazzjoni tal-IE SA li skontha l-kontrollur ma jstax ikun mistenni li jkun sar konxju fil-mument li l-proċessur tiegħu jkun induna li seħħ inċident ta' sigurtà. Kif previst fil-Linji Gwida tad-WP29 dwar notifika ta' ksur tad-*data*, li ġew approvati mill-EDPB, jeħtieġ li jkun hemm ċertezza li seħħ ksur tad-*data* personali qabel ma tkun tista' tiġi stipulata kuxjenza. Mhuwiex ċar mill-fatti inkwistjoni kif rifless fl-Abbozz tad-Deċiżjoni li dan kien il-każ qabel it-3 ta' Jannar 2019. F'dan il-każ, AT SA ma ppruvax li TIC laħqet il-grad meħtieġ ta' ċertezza dwar il-fatt li ksur tad-*data* kien seħħ qabel meta l-IE SA sabet li TIC kienet "konxja" tal-ksur. Bħala konsegwenza, l-EDPB jikkunsidra li l-istima tal-gravità tal-ksur m'għandhiex għalfejn tiġi rranġata fid-dawl ta' determinazzjoni differenti ta' meta l-kontrollur sar jaf bil-ksur tad-*data*.
193. Barra minn hekk, fir-rigward tal-**gravità tal-ksur**, l-EDPB jaqbel mal-IE SA li l-konformità mal-Artikoli 33(1) u 33(5) tal-GDPR hija ċentrali għall-funzjonament ġenerali tar-reġim ta' superviżjoni u infurzar.

²¹² Linji Gwida tal-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 dwar notifika ta' ksur ta' *data* personali skont ir-Regolament 2016/679, WP250 rev. 01, approvati mill-EDPB (minn hawn 'il quddiem, "Linji gwida dwar notifika ta' ksur ta' *data* personali").

²¹³ Linji gwida dwar in-notifika ta' ksur ta' *data* personali, p. 5.

²¹⁴ Linji gwida dwar in-notifika ta' ksur ta' *data* personali, p. 10-11.

²¹⁵ Linji gwida dwar in-notifika ta' ksur ta' *data* personali, p. 13.

²¹⁶ Linji gwida dwar in-notifika ta' ksur ta' *data* personali, p. 11.

²¹⁷ Linji gwida dwar in-notifika ta' ksur ta' *data* personali, p. 11 (enfażi miżjuda).

²¹⁸ Linji gwida dwar in-notifika ta' ksur ta' *data* personali, p. 11.

²¹⁹ Linji gwida dwar in-notifika ta' ksur ta' *data* personali, p. 12 (enfażi miżjuda).

194. Fir-rigward tal-oġġezzjoni mqajma mill-AT SA fir-rigward tan-**natura intenzjonali tal-ksur**, l-EDPB jikkunsidra li l-oġġezzjoni ma wrietx biżżejjed li mill-mument li l-kontrollur kiseb għarfien huwa intenzjonalment injora d-dmir tiegħu ta' kura.
195. Madankollu, fir-rigward tan-natura negliġenti tal-ksur, l-EDPB jikkunsidra li kumpanija li għaliha l-i-proċessar ta' *data* personali huwa fil-qalba tal-attivitajiet kummerċjali tagħha għandu jkollha fis-seħħ proċeduri suffiċjenti għad-dokumentazzjoni ta' ksur ta' *data* personali, inklużi azzjonijiet ta' rimedju, li jippermettulha tikkonforma wkoll mad-dmir ta' notifika taħt l-Artikolu 33(1) tal-GDPR. Dan l-element jimplika element addizzjonali li għandu jiġi kkunsidrat fl-analiżi tal-gravità tal-ksur.
196. L-EDPB ifakkar li l-QĠUE sostniet b'mod konsistenti li penali dissważiva hija waħda li għandha **effett deterrent ġenwin**²²⁰. F'dak ir-rigward, tista' ssir distinzjoni bejn deterrenza ġenerali (li tiskoraġġixxi lill oħrajn milli jwettqu l-istess ksur fil-futur) u deterrenza speċifika (li tiskoraġġixxi lid-destinatarju tal-multa milli jerġa' jikkommetti l-istess ksur)²²¹. Barra minn hekk, is-severità tal-pieni għandha tkun proporzjonata mas-serjetà tal-ksur li għalih huma imposti²²². Minn dan jagħmel sens li l-multi m'għandhomx ikunu sproporzjonati għall-għanijiet segwiti, jiġifieri għall-konformità mar-regoli tal-protezzjoni tad-*data* u li l-ammont tal-multa imposta fuq impriża għandu jkun proporzjonat għall-ksur meqjus kollu kemm hu, b'kunsiderazzjoni b'mod partikolari tal-gravità tal-ksur²²³.
197. Filwaqt li l-LSA fl-Abbozz tad-Deċiżjoni tagħha għamlet referenza għar-rekwiżit li l-fajl irid ikun **dissważiv u proporzjonat**, l-EDPB jikkunsidra li l-LSA ma ssostanzjatx biżżejjed kif il-multa proposta tindirizza dawn ir-rekwiżiti. B'mod partikolari, l-EDPB jinnotta li l-LSA tgħaddi mill-kalkolu tal-ammont massimu tal-multa (iffissata għal \$60 miljun) għal li tiddikjara l-firxa proposta ta' multa (iffissata bejn \$150.000, - u \$300.000, -), mingħajr aktar spjegazzjoni dwar liema elementi partikolari wasslu lill-LSA biex tidentifika din il-firxa speċifika²²⁴. Lil hinn mir-referenza ġenerali għall-fatturi rilevanti tal-Artikolu 83(2) tal-GDPR, m'hemmx motivazzjoni ċara għall-għażla tal-perċentwal propost (bejn 0.25% u 0.5%) tal-multa massima applikabbli skont l-Artikolu 83(4) tal-GDPR.
198. F'dan ir-rigward, l-EDPB elabora fuq ir-raġunijiet għalfejn l-LSA fl-Abbozz tad-Deċiżjoni tagħha kellha tagħti piż akbar lill-element relatat man-natura, l-ambitu u l-karattru negliġenti tal-ksur u għalhekk tikkunsidra li l-firxa proposta tal-multa għandha tiġi rranġata kif xieraq.

8.4.3 Konklużjoni

199. Wara dan, l-EDPB jikkunsidra li l-multa proposta fl-Abbozz tad-Deċiżjoni hija baxxa wisq u għalhekk ma tissodisfax l-iskop tagħha bħala miżura korrettiva, b'mod partikolari ma tissodisfax ir-rekwiżiti tal-Artikolu 83(1) tal-GDPR li tkun effettiva, dissważiva u proporzjonata.
200. Għalhekk, l-EDPB jitlob lill-IE SA biex tivvaluta mill-ġdid l-elementi li tiddependi fuqhom biex tikkalkula l-ammont tal-multa fissa²²⁵ li għandhom jiġu imposti fuq TIC sabiex jiġi żgurat li jkun xieraq għall-fatti tal-każ.

²²⁰ Ara l-Opinjoni tal-Avukat Ġenerali Geelhoed tad-29 ta' April 2004 fis-Sentenza tat-12 ta' Lulju 2005, Kummissjoni / Franza, C-304/02, EU: C: 2005: 444, par. 39

²²¹ Ara s-Sentenza *inter alia* tat-13 ta' Ġunju 2013, Versalis Spa / Kummissjoni, C-511/11, ECLI: EU: C: 2013: 386, para. 94

²²² Sentenza tal-QĠUE tal-25 ta' April 2013, Asociația Accept, C-81/12.

²²³ Marine - Harvest Qorti Ġenerali tal-UE T-704/14, 26 ta' Ottubru 2017.

²²⁴ Abbozz tad-Deċiżjoni, 15.19 u 15.20.

²²⁵ Dan għandu preferibbilment ikun diġà provdut fl-abbozz tad-deċiżjoni tal-Art 60 tal-GDPR.

201. L-EDPB jinnota li l-analiżi tal-oġġezzjonijiet hija limitata għas-sustanza tal-oġġezzjonijiet biex titqies bħala rilevanti u raġunata. L-ambitu tal-analiżi tal-EDPB dwar il-kalkolu tal-multa huwa għalhekk limitat għal analiżi tal-metodu tal-kalkolu tal-multi bħala tali. Ma jikkostitwixx validazzjoni impliċita jew espliċita mill-EDPB, tal-analiżi mwettqa mil-LSA rigward il-ksur tal-Artikolu 33(1) jew l-Artikolu 33(5) tal-GDPR jew il-kwalifika legali ta' Twitter Inc. u TIC rispettivament. L-EDPB itenni li d-deċiżjoni kurrenti tiegħu hija mingħajr ebda preġudizzju għal kwalunkwe valutazzjoni li l-EDPB jista' jintalab jagħmel f'każijiet oħra, inkluż bl-istess partijiet, waqt li jqis il-kontenut tal-abbozz ta' deċiżjoni rilevanti u l-oġġezzjonijiet imqajma mis-CSAs.

9 DEĊIŻJONI VINKOLANTI

202. Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq u skont il-kompitu tal-EDPB skont l-Artikolu 70(1)(t) tal-GDPR li joħroġ deċiżjonijiet vinkolanti skont l-Artikolu 65 tal-GDPR, il-Bord joħroġ id-deċiżjoni vinkolanti li ġejja skont l-Artikolu 65(1)(a) tal-GDPR:

203. Dwar l-oġġezzjonijiet li jikkonċernaw il-kwalifika ta' kontrollur u proċessur u l-kompetenza tal-LSA

) L-EDPB jiddeċiedi li l-IE SA mhix meħtieġa li temenda l-Abbozz tad-Deċiżjoni tagħha fuq il-bażi tal-oġġezzjonijiet imqajma, peress li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti tal-Artikolu 4(24) tal-GDPR.

204. Dwar l-oġġezzjonijiet dwar il-ksur tal-Artikolu 33(1) u 33(5) tal-GDPR misjuba mil-LSA:

) Fir-rigward tal-oġġezzjoni tal-FR SA dwar in-nuqqas ta' ksur tal-Artikolu 33(1) tal-GDPR, l-oġġezzjoni tad-DE SA dwar id-determinazzjoni tad-*dies a quo* għall-ksur tal-Artikolu 33(1) tal-GDPR, u l-oġġezzjoni tal-IT SA relatata mal-ksur tal-Artikolu 33(5) tal-GDPR, l-EDPB jiddeċiedi li l-IE SA mhijiex meħtieġa temenda l-Abbozz tad-Deċiżjoni tagħha fuq il-bażi tal-oġġezzjonijiet imqajma peress li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti tal-Artikolu 4(24) tal-GDPR.

205. Dwar l-oġġezzjonijiet relatati ma' possibbli ksur ulterjuri (jew alternattiv) tal-GDPR identifikat mis-CSAs:

) Fir-rigward tal-oġġezzjoni tad-DE SA dwar il-ksur possibbli tal-Artikolu 5(1)(f), l-Artikolu 24, u l-Artikolu 32 tal-GDPR, u għall-oġġezzjoni tal-IT SA dwar il-ksur possibbli tal-Artikolu 5(2) tal-GDPR, l-EDPB jiddeċiedi li, filwaqt li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 4(24) tal-GDPR, l-IE SA mhix meħtieġa li temenda l-Abbozz tad-Deċiżjoni tagħha minħabba li l-elementi fattwali disponibbli inklużi fl-Abbozz tad-Deċiżjoni u fl-oġġezzjonijiet mhumiex biżżejjed biex jippermettu lill-EDPB li jistabbilixxi l-eżistenza ta' ksur tal-Artikoli 5(1)(f), l-Artikolu 5(2), l-Artikolu 24, u l-Artikolu 32 tal-GDPR.

) Fir-rigward tal-oġġezzjoni tad-DE SA relatata mal-ksur possibbli tal-Artikolu 33(3) tal-GDPR, l-oġġezzjoni tal-FR SA relatata mal-ksur possibbli tal-Artikolu 28 u l-Artikolu 32 tal-GDPR, l-oġġezzjoni tal-HU SA relatata mal-ksur possibbli tal-Artikolu 5(1)(f), l-Artikolu 32, u l-Artikolu 34 tal-GDPR, u l-oġġezzjoni tal-IT SA relatata mal-ksur possibbli tal-Artikolu 28 tal-GDPR, l-EDPB jiddeċiedi li l-IE SA mhix meħtieġa li temenda l-Abbozz tad-Deċiżjoni abbażi tal-oġġezzjonijiet imqajma peress li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti tal-Artikolu 4(24) tal-GDPR.

206. Dwar l-oġġezzjoni dwar id-deċiżjoni tal-LSA li ma toħroġx ċanfira:

) Fir-rigward tal-oġġezzjoni tad-DE SA rigward id-deċiżjoni tal-IE SA li ma toħroġx ċanfira, l-EDPB jiddeċiedi li l-IE SA mhix meħtieġa li temenda l-Abbozz tad-Deċiżjoni tagħha fuq il-bażi tal-oġġezzjoni mqajma peress li ma tissodisfax ir-rekwiżiti tal-Artikolu 4(24) tal-GDPR.

207. Dwar l-oġġezzjoni dwar il-kalkolu tal-multa ssuġġerita mil-LSA:

- J) Fir-rigward tal-oġġezzjoni tal-HU dwar in-natura insuffiċjentement dissważiva tal-multa, l-EDPB jiddeċiedi li l-IE SA mhix meħtieġa li temenda l-Abbozz tad-Deċiżjoni tagħha fuq il-bażi tal-oġġezzjoni mqajma peress li ma tissodisfax ir-rekwiżiti tal-Artikolu 4(24) tal-GDPR.
- J) Fir-rigward tal-oġġezzjoni tal-AT SA, l-oġġezzjoni tad-DE SA, u l-oġġezzjoni tal-IT SA dwar in-natura insuffiċjentement dissważiva tal-multa, l-EDPB jiddeċiedi li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 4(24) tal-GDPR u li l-IE SA hija meħtieġa terġa' tivvaluta l-elementi li sserraħ fuqhom biex tikkalkula l-ammont tal-multa fissa li għandha tiġi impost fuq TIC, u li temenda l-Abbozz tad-Deċiżjoni tagħha billi żżid il-livell tal-multa sabiex jiġi żgurat li jissodisfa l-iskop tagħha bħala miżura korrettiva u tissodisfa r-rekwiżiti ta' effettività, dissważività u proporzjonalità stabbiliti mill-Artikolu 83(1) tal-GDPR u tqis il-kriterji tal-Artikolu 83(2) tal-GDPR.

10 RIMARKI FINALI

208. Din id-deċiżjoni vinkolanti hija indirizzata lill-IE SA u s-CSAs. L-IE SA għandha tadotta d-deċiżjoni finali tagħha fuq il-bażi ta' din id-deċiżjoni vinkolanti skont l-Artikolu 65(6) tal-GDPR.
209. Rigward l-oġġezzjonijiet meqjusa li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti stipulati mill-Art 4(24) tal-GDPR, l-EDPB ma jieħu l-ebda pożizzjoni dwar il-mertu ta' kwalunkwe kwistjoni sostanzjali mqajma minn dawn l-oġġezzjonijiet. L-EDPB itenni li d-deċiżjoni kurrenti tiegħu hija mingħajr ebda preġudizzju għal kwalunkwe valutazzjoni li l-EDPB jista' jintalab jagħmel f'każijiet oħra, inkluż bl-istess partijiet, waqt li jqis il-kontenut tal-abbozz ta' deċiżjoni rilevanti u l-oġġezzjonijiet imqajma mis-CSAs.
210. Skont l-Artikolu 65(6) tal-GDPR, l-IE SA għandha tikkomunika d-deċiżjoni finali tagħha lill-President fi żmien xahar wara li tirċievi d-deċiżjoni vinkolanti.
211. Ladarba tali komunikazzjoni ssir mill-IE SA, id-deċiżjoni vinkolanti ssir pubblika skont l-Artikolu 65(5) tal-GDPR.
212. F'konformità mal-Artikolu 70(1)(y) tal-GDPR, id-deċiżjoni finali tal-IE SA kkomunikata lill-EDPB se tkun inkluża fir-reġistru tad-deċiżjonijiet li kienu soġġetti għall-mekkaniżmu ta' konsistenza.

Għall-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data

Il-President

(Andrea Jelinek)